# STRATEĠIJA

## GĦALL-IRTIRAR U L-KAPAĊITÀ FINANZJARJA

## GĦARFIEN, IPPJANAR, AZZJONI

2017-2019

MINISTERU GĦALL-FAMILJA
U SOLIDARJETÀ SOĊJALI



## Viżjoni

***"Intejbu l-kapaċità finanzjarja personali taċ-ċittadini Maltin matul l-avvenimenti tal-ħajja u tal-irtirar billi nagħmluhielhom possibbli li jieħdu deċiżjonijiet finanzjarji infurmati aħjar li jikkorrispondu maċ-ċirkostanzi individwali tagħhom".***

**GĦARFIEN, IPPJANAR, AZZJONI**

# Werrej

| | |
|---|---|
| Daħla mill-Ministru | **5** |
| Sommarju Eżekuttiv | **8** |
| Glossarju | **12** |
| Kapitlu 01 - Analiżi tar-Rispons mill-Proċess ta' Konsultazzjoni u ta' Diskussjoni Nazzjonali | **14** |
| Kapitlu 02 - Fehim tal-Irtirar u l-Kapaċità Finanzjarja | **21** |
| Kapitlu 03 - Miżuri Strateġiċi | **33** |
| Kapitlu 04 - Twettiq tal-Istrateġija | **44** |
| Annessi | **47** |



**Daħla mill-Ministru**

Din l-amministrazzjoni ħadet passi sinifikanti biex tagħti enerġija lir-riforma tal-pensjonijiet li wara entużjażmu qasir fir-riformi tal-2007 tmewtet fl-aħħar tat-terminu tal-amministrazzjoni preċedenti, fil-bidu tal-2013.

Immedjatament wara l-elezzjoni, l-amministrazzjoni Laburista waqqfet Grupp ta' Strateġija għall-Pensjonijiet f'Marzu tal-2013. L-ewwel rapport tiegħu, li kien ippreżentat fis-sajf tal-2013, stabilixxa l-prinċipji bażiċi għall-introduzzjoni tat-tielet pensjoni (li kienet ġiet rakkomandata għall-ewwel darba fl-2004 iżda li fuqha ma kienet ittieħdet l-ebda azzjoni mingħajr raġuni) li tippermetti lil persuni jinvestu f'pensjoni privata biex jikkumplimentaw il-pensjoni tas-sigurtà soċjali. Il-Ministeru tal-Finanzi filwaqt li bena fuq dan ir-rapport inizzjali stabilixxa l-qafas leġislattiv li jagħti s-setgħa u b'hekk prodotti ta' pensjonijiet privati dehru fis-suq lejn tarf l-2015.

Ir-rapport ewlieni tal-Grupp ta' Strateġija kien ippreżentat lill-Gvern f'Ġunju tas-sena 2015. Ir-rapport stabilixxa tluq mir-rapporti preċedenti. Il-grupp ma marx għal soluzzjoni li jipproponi żidiet mandatorji fl-etajiet tal-irtirar jew introduzzjoni mandatorja tat-tieni pensjoni bħala mezz biex iġiegħel lin-nies jibqgħu aktar fit-tul fis-suq tax-xogħol jew biex ifaddlu għall-irtirar. Iżda l-Grupp ippropona sistema ta' 'inkoraġġiment' fejn in-nies ikunu ppremjati permezz ta' inċentivi biex jibqgħu aktar fit-tul fis-suq tax-xogħol u biex ifaddlu għall-irtirar. Fl-2016, rajna it-tnedija tal-iskema ta' inċentiv tad-differiment tal-pensjoni li tista' twassal lill-persuni jżidu d-dħul b'aktar minn 20% jekk jirtiraw fl-età ta' 65 sena - li bħalissa qed titħaddem bi prova fost impjegati tas-settur privat. Fl-aħħar baġit il-Gvern ippreżenta inċentivi mmirati lejn min iħaddem biex jintroduċi pensjonijiet volontarji fil-post tax-xogħol tagħhom.

Irrid insemmi tliet miżuri sinifikanti maġġuri tar-riforma tal-pensjonijiet li introduċa dan il-Gvern. L-ewwel nett, għall-ewwel darba, ir-riforma ma kinitx iffukata biss fuq ġenerazzjonijiet futuri. Iżda, ir-rifda ewlenija tar-riforma kienet li tiżdied il-pensjoni tas-sigurtà soċjali għall-persuni li qegħdin f'riskju ta' faqar. It-tieni nett, konxji mill-parzjalità tal-ġeneru tas-sistema tal-pensjonijiet tagħna, estendejna b'mod sinifikanti l-krediti għat-trobbija tat-tfal u daħħalna krediti għall-kapital uman. Dawn iżidu l-krediti mar-rekords kontributorji tan-nisa li nkella jista' jkollhom differenzi sinifikanti f'pensjoni tas-sigurtà soċjali aktar baxxa. It-tielet nett, neħħejna t-taxxa fuq id-dħul għal dħul mill-pensjoni sa €13,000 - li jirrifletti d-Dħul Pensjonabbli Massimu kurrenti għall-persuni li twieldu qabel l-1961.

Minkejja l-importanza kollha ta' dawn il-miżuri, il-Gvern jagħraf li r-riformi parametriċi lis-sistema tal-pensjoni tikkostitwixxi biss lat wieħed tal-kumplessità tar-riforma tal-pensjonijiet. Dawn ir-riformi, bħalissa u fil-futur, ser jiżguraw li s-sistema tal-pensjoni tibqa' sostenibbli u tiżgura adegwatezza fl-irtirar. Madanakollu, il-Gvern jagħraf li s-sistema tal-pensjoni qatt ma tista' timla d-differenzi bejn id-dħul ta' qabel l-irtirar u d-dħul mill-pensjoni tas-sigurtà soċjali waqt l-irtirar.

Din id-differenza bejn id-dħul ta' qabel l-irtirar u d-dħul mill-pensjoni, sa liema punt tikkostitwixxi kwistjoni? Fl-essenza tagħha, ir-risposta għal din il-mistoqsija tiddependi minn kull individwu jew familja: il-pensjoni tas-sigurtà soċjali tagħna ser tipprovdina bil-kwalità ta' ħajja li jixirqilna matul l-irtirar? Irridu ngawdu l-kwalità ta' ħajja waqt l-irtirar bl-istess mod li konna ngawduha qabel l-irtirar? Lesti biex ikollna anqas dħul ladarba ma għandniex aktar ipoteka jew l-edukazzjoni tat-tfal xi nħallsu?

Biex nagħtu tweġiba għal dawn il-mistoqsijiet, manadakollu, jeħtieġ li sa mill-bidu nkunu nafu xi dħul ser nirċievu mill-pensjoni tas-sigurtà soċjali. Ir-riċerka li saret miż-żewġ gruppi ta' riforma u minn studjużi lokali tissuġġerixxi li l-parti l-kbira tan-nies ma jafux xi dħul ser jirċievu mill-pensjoni tas-sigurtà soċjali tagħhom

meta jirtiraw jew saħansitra jistmaw li ser ikollhom dħul akbar mill-pensjoni tagħhom. Fi kwalunkwe każ, l-individwu jew il-familja mal-irtirar jistgħu jiffaċċjaw sitwazzjoni finanzjarja fi żmien meta ma tantx ikollhom għażliet biex itejbu t-tfaddil tagħhom għall-irtirar.

Filwaqt li għarafna l-importanza tad-dħul mill-irtirar u l-għarfien litterarju finanzjarju, il-Ministeru tiegħi flimkien mal-Ministeri tal-Finanzi u tal-Edukazzjoni aċċetta r-rakkomandazzjoni tal-Grupp ta' Strateġija li trid tiġi ffurmata strateġija adhoc immirata lejn l-għarfien, l-ippjanar u l-azzjoni. Kien iffurmat tim multidixxiplinarju u fl-2016 kien ippubblikat abbozz ta' Strateġija għall-konsultazzjoni u d-diskussjoni. Ir-rispons mill-proċess ta' konsultazzjoni u diskussjoni juri konverġenza ta' opinjonijiet fuq il-bżonn ta' strateġija robusta fuq l-irtirar u l-kapaċità finanzjarja kif ukoll fuq il-parti l-kbira tal-prinċipji u inizjattivi ewlenin proponuti fl-abbozz tal-Istrateġija.

Ir-rispons enfasizza punt importanti partikolari. Kien mistqarr li l-Istrateġija għandha tkun ripożizzjonata biex tenfasizza aktar il-kapaċità finanzjarja - biex jitwessa' l-iskop tal-Istrateġija 'l hinn miċ-ċikli tal-avvenimenti tal-ħajja u tal-irtirar u l-għarfien tax-xenarju finanzjarju għal wieħed li jħaddan l-importanza tal-kapaċità finanzjarja bħala strument ta' politika soċjali kontra l-faqar.

Tabilħaqq, dan id-dokument ta' strateġija huwa rridimensjonat biex imexxi l-iffukar minn fuq il-litteriżmu finanzjarju lejn id-direzzjoni tal-kapaċità finanzjarja. Il-qalba tar-ridimensjoni tal-Istrateġija hija l-wegħda ta' għarfien indipendenti u affidabbli, edukazzjoni u informazzjoni biex tinbena u tissaħħaħ il-kapaċità finanzjarja u tal-irtirar tas-soċjetà Maltija mmirata lejn gruppi speċifiċi tal-popolazjoni u tax-xogħol, li jinkludu:

- Adulti Żgħażagħ (20–34 sena).
- Adulti Żgħażagħ Nisa (20–34 sena).
- Adulti (35 sena sa qabel l-irtirar).
- Adulti nisa (35 sena sa qabel l-irtirar).
- Persuni li Jaħdmu Għal Rashom.
- Adulti (u familji) f'Impjieg bi Dħul Baxx jew fi Stat ta' Privazzjoni.
- Adulti Impjegati u ma Għandhomx il-Kontribuzzjoni tas-Sigurtà Soċjali Mħallsa.
- Nisa Separati u Divorzjati.
- Nisa Mdaħħlin fiż-Żmien (60+) u Nisa Romol.
- Ommijiet Waħedhom.

Biex tingħata spinta lill-implimentazzjoni tal-Istrateġija, inħoloq Grupp dwar l-Irtirar u l-Kapaċità Finanzjarja magħmul minn partijiet interessati tal-Gvern u tal-industrija privata, taħt il-Grupp tal-Istrateġija tal-Pensjonijiet. M'hemm l-ebda dubju li l-viżjoni ma tistax issir realtà mingħajr l-isforzi ta' individwi, familji, il-Gvern, il-komunitajiet lokali, il-fornituri tas-servizzi finanzjarji, min iħaddem, l-organizzazzjonijiet tax-xogħol, in-negozji u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi.

Jien kunfidenti li bil-Grupp dwar l-Irtirar u l-Kapaċità Finanzjarja ser naraw riżultati pożittivi fil-futur qrib permezz ta' xogħol responsabbli u mill-qrib mal-partijiet kollha interessati sabiex isaħħaħ l-irtirar u l-kapaċità finanzjarja fost iċ-ċittadini Maltin.

Michael Farrugia
**Ministru**

# Sommarju Eżekuttiv

Il-Grupp ta' Strateġija dwar il-Pensjonijiet (GSP) fir-rapport tiegħu ta' Ġunju 2015, u sussegwentement fir-rapport postkonsultattiv ta' Settembru 2015, enfasizza li l-impatt pożittiv fit-tul tar-riforma tal-pensjonijiet jirrikjedi għarfien, edukazzjoni u informazzjoni fuq id-dħul mill-irtirar u l-litteriżmu finanzjarju li jmur lil hinn mill-politika ta' Malta — minn tfal żgħar sa dawk irtirati.

F'Ottubru 2015, grupp ta' ħidma ta' diversi partijiet interessati, li kien jikkonsisti mill-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti, fil-Ministeru tal-Familja u s-Solidarjetà Soċjali (MFSS), id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali (DSS), id-Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni (DKSE), l-Awtorità Maltija għas-Servizzi Finanzjarji (MFSA), u FinanceMalta (FM), ġie stabbilit taħt il-GSP biex ifassal strateġija fuq id-dħul mill-irtirar u l-litteriżmu finanzjarju. L-abbozz tal-Istrateġija ppropona dawn il-punti prinċipali:

- **L-użu tal-edukazzjoni biex jitwassal għarfien dwar id-dħul mill-irtirar u l-litteriżmu finanzjarju.**
- **Il-forniment ta' informazzjoni affidabbli u indipendenti u t-twettiq ta' programmi mmirati sabiex jibdlu għall-aħjar l-imġiba u jdaħħlu kultura ġdida fir-rigward tal-ippjanar għall-irtirar fit-tul.**
- **Ħidma fi sħubija biex jissaħħu l-konnessjonijiet bejn il-partijiet interessati kollha involuti fid-dħul mill-irtirar u l-litteriżmu finanzjarju.**

Ir-rispons li rriżulta mill-proċess ta' konsultazzjoni juri konverġenza ta' opinjonijiet fuq il-bżonn ta' strateġija robusta fuq l-irtirar u l-kapaċità finanzjarja kif ukoll fuq il-parti l-kbira tal-prinċipji u inizjattivi ewlenin proponuti fl-abbozz tal-Istrateġija. Matul il-proċess ta' konsultazzjoni, partijiet interessati differenti saħqu li l-Istrateġija għandha tpoġġi enfasi akbar fuq il-kwistjoni tal-gruppi vulnerabbli u l-ġestjoni tal-irtirar/tal-finanzi. Għaldaqstant, kien enfasizzat il-punt li l-Istrateġija għandha tiffoka iżjed fuq il-'kapaċità' milli fuq il-'litteriżmu'.

L-importanza ta' approċċ bħal dan huwa magħruf u qed tingħata aktar konsiderazzjoni lil din in-nozzjoni. L-Istrateġija ġiet ripużizzjonata biex tagħti aktar importanza lill-'kapaċità finanzjarja'. Filwaqt li l-litteriżmu finanzjarju, bla dubju ta' xejn, irendi lin-nies kwalifikati aħjar biex jimmaniġġjaw il-finanzi tagħhom, madanakollu, huwa improbabbli li jnaqqas is-suxxettibilità finanzjarja fil-familji vulnerabbli jekk mhux ser ikunu indirizzati l-ostakli istituzzjonali għall-prodotti finanzjarji ta' benefiċċju. Il-kunċett ta' kapaċità finanzjarja jmur id f'id mal-litteriżmu finanzjarju iżda jindirizza wkoll in-nuqqasijiet istituzzjonali li qed ikunu ta' piż fuq familji vulnerabbli.

Definizzjonijiet ta' 'kapaċità finanzjarja' jenfasizzaw 'l-għarfien u l-ħiliet', 'pjanar minn qabel' u 'li wieħed jaġixxi'. Din l-enfasi fuq il-ħila ta' persuna li 'tifhem', 'tevalwa', 'tippjana' u 'taġixxi' fl-aħjar interess tagħha tirrifletti l-messaġġi ċentrali li jirfdu din l-istrateġija - li huma l-għarfien, l-ippjanar u l-azzjoni.

L-Istrateġija tpoġġi l-kapaċità finanzjarja fi tliet dimensjonijiet. L-ewwel nett, il-kapaċità finanzjarja hi meqjusa bħala element ċentrali ta' tħassib tal-politika soċjali għax in-nuqqas ta' għarfien finanzjarju, abbiltajiet, opportunitajiet, u assi jikkontribwixxu għall-faqar u l-inugwaljanza. Gruppi vulnerabbli — iż-żgħażagħ, l-anzjani, l-ommijiet waħedhom, il-familji bi dħul baxx, eċċ. — x'aktarx li għandhom livell mhux adekwat ta' kapaċità finanzjarja. Livelli limitati ta' għarfien u ħiliet finanzjarji jħallu impatt b'mod partikulari fuq gruppi vulnerabbli minħabba li l-marġni għal żball huwa minimu u għażla finanzjarja ħażina għandha konsegwenzi serji.

It-tieni nett, hekk kif l-awtoresponsabbiltà tiżdied, b'mod partikolari fl-ippjanar tal-irtirar, huwa ċar li hemm il-ħtieġa ta' titjib tal-livelli tal-kapaċità finanzjarja: in-nies iridu jkunu jafu kemm u meta wieħed għandu jinvesti u/jew ifaddal sabiex dawn ikunu f'pożizzjoni li jilħqu l-kwalità tal-ħajja li jixtiequ fl-irtirar. It-teorija ekonomika tradizzjonali ssostni li n-nies jaġixxu b'mod razzjonali: jissellfu meta jkunu żgħażagħ, ifaddlu fl-età medja u jakkumulaw il-ġid, u jonfqu t-tfaddil tagħhom fix-xjuħija. Madanakollu, dan ma huwiex il-każ.

In-nies ma jġibux ruħhom b'mod razzjonali meta jiġu biex jippjanaw fit-tul. Tabilħaqq li mhux tajbin biex ifaddlu għall-irtirar u għandhom tendenza li jieħdu t-triq 'tal-anqas reżistenza', jagħmlu dak li jiġihom l-aktar faċli u dak li jiġri awtomatikament.

It-tielet nett, il-mod ta' kif il-fornituri tas-servizzi finanzjarji jippreżentaw l-għażliet ta' investiment iservu ta' ostaklu għat-tfaddil jew jistgħu jirriżultaw f'deċiżjonijiet żbaljati ta' investiment. L-operaturi tas-swieq finanzjarji jagħmlu użu estensiv ta' kliem tekniku, u abbozzi ta' dokumenti b'mod legali. Ir-rekwiżiti tal-iżvelar huma b''tipa żgħira' li jista' jkollhom ammont sostanzjali ta' paġni. Ħafna drabi dawn ma jkunux komprensibbli għall-konsumatur medju. Iffaċċjata b'informazzjoni li diffiċli tifhem, persuna medja x'aktarx li tkun skoraġġuta milli tinvesti fi prodotti finanzjarji li jistgħu jkunu utli għaliha. L-għarfien tad-drittijiet tal-konsumatur u tar-regolamenti huwa ta' importanza kbira peress li jħares lill-investituri minn prodotti finanzjarji mhux sikuri jew operaturi bla etika.

L-Istrateġija ser tiffoka fuq l-azzjonijiet li ġejjin:

| **Azzjonijiet** | |
|---|---|
| **01** | Il-messaġġi ċentrali tal-Istrateġija għall-Irtirar u l-Kapaċità Finanzjarja huma ***'l-għarfien'***, ***'l-ippjanar'*** u ***'l-azzjoni'***. |
| **02** | Ix-xehda u n-naħla tal-għasel, li jirrappreżentaw rispettivament (i) it-tkabbir, il-provvediment, it-trawwim, il-komunità, u l-organizzazzjoni, u (ii) ħidma sfiqa u produttività, jikkostitwixxu l-motif tal-Istrateġija u l-implimentazzjoni tagħha. |
| **03** | Il-viżjoni hi dik li ***"Intejbu l-kapaċità finanzjarja personali taċ-ċittadini Maltin matul l-avvenimenti tal-ħajja u tal-irtirar billi nagħmluhielhom possibbli li jieħdu deċiżjonijiet finanzjarji infurmati aħjar li jikkorrispondu maċ-ċirkostanzi individwali tagħhom".*** |
| **04.** | Il-kapaċità finanzjarja hija ħila tal-ħajja essenzjali għall-ġenerazzjonijiet attwali u tal-ġejjieni. L-Istrateġija tistabbilixxi rotot li jiggwidaw liċ-ċittadini Maltin jakkwistaw il-ħila finanzjarja meħtieġa f'dawn l-oqsma li ġejjin:<br><br>o Ġestjoni tad-dejn.<br>o Ġestjoni tal-baġit ta' kuljum.<br>o Ħolqien ta' xibka ta' sikurezza.<br>o Pjanijiet għall-ġejjieni.<br>o Fehim tal-punti tax-xenarju finanzjarju.<br>o Fehim tad-drittijiet bażiċi tal-konsumatur. |
| **05.** | L-Istrateġija tkopri l-perjodu 2017-2019 u ser tiġi sorveljata kull sena sabiex tkun kalibrata biex tirrifletti ċirkostanzi li jinbidlu. L-istrateġija ser tkun riveduta kull tliet snin, bl-ewwel reviżjoni li ser issir fl-2019. |
| **06.** | Ser ikunu introdotti indikaturi tal-prestazzjoni biex tkun evalwata l-effettività tal-Istrateġija u wara erba' ġimgħat mill-bidu ta' sena ġdida ser ikun ippreżentat rapport fuq l-implimentazzjoni tal-Istrateġija lill-Kamra tar-Rappreżentanti u lill-Kumitat tal-Affarijiet Soċjali tagħha. |

| | |
|---|---|
| **07** | Ir-rakkomandazzjonijiet ippreżentati fl-abbozz tal-Istrateġija taħt Punt Prinċipali 1 bit-titlu ***'L-Użu ta' Rotot Edukattivi biex jiġi Promulgat Għarfien dwar id-Dħul mill-Irtirar u l-Kapaċità Finanzjarja'*** ser ikunu implimentati:<br><br>**2017**<br>01.Jibda l-abbozzar tal-Qafas tal-Irtirar u l-Kapaċità Finanzjarja u jingħaqad mal-qafas tar-riżultati tat-tagħlim (QRT) tal-Kurrikulu Nazzjonali.<br>02.Jibda x-xogħol fuq il-*portal* tar-riżorsi tat-tagħlim.<br>03.Ħidma mal-edukazzjoni obbligatorja biex ikun jista' jiġi stabbilit il-Qafas tal-Kapaċità Finanzjarja u tal-Irtirar fil-Livelli 8, 9 u 10; u ħidma mal-partijiet interessati fl-edukazzjoni għolja u avvanzata biex jinħolqu rotot ta' għarfien fuq l-irtirar u l-kapaċità finanzjarja.<br>04.Ħidma ma' dawk il-partijiet interessati biex jiffurmaw portafoll tal-ludifikazzjoni.<br>05.Ħidma mal-komunitajiet lokali, *unions*, min iħaddem u NGO biex jitfasslu u jitwettqu programmi edukattivi finanzjarji li jkopru l-istadji taċ-ċikli differenti tal-ħajja.<br>06.Diskussjoni mal-partijiet interessati dwar jekk Malta għandhiex tipparteċipa fl-istħarriġ PISA tal-2018 u jekk iva tinbeda ħidma xierqa.<br><br>**2018**<br>Jibqa' għaddej ix-xogħol fuq l-inizjattivi 1 sa 6 li nbdew fl-2017.<br><br>**2019**<br>Jibqa' għaddej ix-xogħol fuq l-inizjattivi 1 sa 6 li nbdew fl-2017. |
| **08** | Fl-applikazzjoni ta' għarfien affidabbli u indipendenti, edukazzjoni u informazzjoni biex tinbena u tissaħħaħ il-kapaċità finanzjarja tal-irtirar madwar is-soċjetà Maltija, il-messaġġi ta' komunikazzjoni ser ikunu sezzjonati u mmirati lejn koorti speċifiċi tal-popolazzjoni u tal-impjiegi. L-istrateġiji tal-komunikazzjoni se jkunu mfassla u implimentati għal:<br><br>○ Adulti Żgħażagħ (20–34 sena).<br>○ Adulti Żgħażagħ Nisa (20–34 sena).<br>○ Adulti (35 sena sa qabel l-irtirar).<br>○ Adulti nisa (35 sena sa qabel l-irtirar).<br>○ Persuni li Jaħdmu Għal Rashom.<br>○ Adulti (u familji) f'Impjieg bi Dħul Baxx jew fi Stat ta' Privazzjoni.<br>○ Adulti Impjegati u ma Għandhomx il-Kontribuzzjoni tas-Sigurtà Soċjali Mħallsa.<br>○ Nisa Separati u Divorzjati.<br>○ Nisa Mdaħħlin fiż-Żmien (60+) u Nisa Romol.<br>○ Ommijiet Waħedhom. |

| | |
|---|---|
| **09** | Dawn ir-rakkomandazzjonijiet ippreżentati f'abbozz tal-Istrateġija taħt Punt Prinċipali 2 bit-titolu ***"Fornitur ta' Informazzjoni Affidabbli u Indipendenti"*** se jkunu implimentati:<br><br>**2017**<br>01.Twaqqif ta' *portal* imfassal biex jipprovdi informazzjoni uffiċjali, affidabbli, motivanti u aċċessibbli.<br>02.Involviment mal-partijiet interessati biex ikun żgurat li l-persuni jkunu konxji minn u jkollhom aċċess għal edukazzjoni finanzjarja, għodod, informazzjoni u għajnuniet relatati mas-sigurtà soċjali.<br>03.Ħidma mal-partijiet interessati biex ikun stabbilit programm li jiżgura li l-pensjonanti jkunu konxji mill-benefiċċji tal-Istat li huma intitolati għalihom.<br>04.Ħidma mad-DSS fuq l-iżvilupp u t-tnedija ta' għodod u kalkolaturi *online* tal-pensjoni tas-sigurtà soċjali.<br>05.Flimkien mal-Kunsill tal-Malti jinbeda t-tfassil ta' kompendju ta' termini Maltin għad-dħul mill-irtirar u l-kapaċità finanzjarja kif ukoll messaġġi ta' komunikazzjoni b'Malti sempliċi.<br><br>**2018**<br>Tkomplija tal-implimentazzjoni tal-miżuri 1 sa 5 hawn fuq.<br><br>**2019**<br>Tkomplija tal-implimentazzjoni tal-miżuri 1 sa 5 hawn fuq. |
| **10** | Ir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin, ippreżentati fl-Istrateġija Nazzjonali taħt Punt Prinċipali 3 ***'Ħidma fi sħubija li ssaħħaħ il-konnessjonijiet bejn il-partijiet kollha involuti fl-irtirar u l-kapaċitajiet finanzjarji'*** ser ikunu implimentati:<br><br>**2017**<br>01.Twaqqif ta' relazzjonijiet ta' sħubija mal-partijiet interessati lokali kollha.<br>02.Twaqqif ta' relazzjonijiet ta' sħubija ma' organizzazzjonijiet simili f'pajjiżi oħra biex ikunu sfruttati l-esperjenzi u l-bażi ta' għarfien tagħhom.<br><br>**2018**<br>Jissokta l-bini fuq l-azzjonijiet 1 u 2 hawn fuq.<br><br>**2019**<br>Jissokta l-bini fuq l-azzjonijiet 1 u 2 hawn fuq. |
| **11** | Il-Grupp tal-Irtirar u l-Kapaċità Finanzjarja ġie stabbilit taħt il-Grupp tal-Istrateġija tal-Pensjoni bil-mandat li jikkoordina u jaħdem mal-partijiet interessati biex jimplimenta l-azzjonijiet preżentati f'din l-Istrateġija. |

| | |
|---|---|
| **RSPM** | Rata ta' Sostituzzjoni tal-Pensjoni Medja |
| **BOV** | Bank of Valletta |
| **Ban** | Bank of Vallettazzjoni |
| **DKSE** | Dipartiment tal-Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni |
| **DSS** | Dipartiment tas-Sigurtzjonijali |
| **UE** | Unjoni Ewropea |
| **FSE** | Fond SoEwropeawropew |
| **FM** | FinanceMalta |
| **SBD** | StDanceMaltar il-BaMaltaomestiku |
| **KNPD** | Kummissjoni Nazzjonali Persuni bà Finanzjar |
| **QRT** | Qafas tar-RiNazzjonali Persuni b |
| **MATSEC** | EATSECtar-RiNazzjonali Persuni bà Fina |
| **MCAST** | KulleCtar-RiNazzjonali Persuni b'Diżabilitàja ġie s |
| **MFIN** | Ministeru tal-Finanzi |
| **MFSA** | Awtoritru tal-Finanzi is-Servizzi Finanzjarji |
| **MFSS** | Ministeru gi Fi-Familja u s-Solidarjetnzjarji ġ |
| **AMA** | Assosteru gi Fi-Familja u s-Solidarjetnzj |
| **MSE** | Il-Borteru gi Fi-F |
| **NGO** | Organizzazzjoni mhux Governattiva |
| **NSO** | Uffinizzazzjoni mhux Governattivaar |
| **PISA** | Programm gzjoni mhux Governattivaarjetnzjarji ġie stabbil |
| **GSP** | Grupp ta gzjoni mhux Governattivaarjetnzj |
| **Gru** | Grupp ta gzjoni mhux Governattivaarj |
| **OKEp** | Organizzazzjoni gija dwar il-Pensjonijietorjaliie stabbili |
| **SEC** | ĊECanizzazzjoni gija dwar il-Pensjoni |
| **GIKF** | Grupp dwar l-Irtirar u l-KapaPensjonijietorja |
| **UK** | Ir-Renju Unit |
| **UoM** | UniversitUnitIrtirar |

# Analiżi tar-Rispons mill-Proċess ta' Konsultazzjoni u ta' Diskussjoni Nazzjonali

Kapitlu 01

## 01.1 Introduzzjoni

Hekk kif in-nies qed jgħixu aktar fit-tul u għandhom stennija ta' ħajja aktar b'saħħitha minn pensjonanti ta' ġenerazzjoni ilu, il-livell adegwat ta' dħul li tipprovdi l-pensjoni tas-sigurtà soċjali, partikolarment fir-rigward ta' persuni bi dħul medju, mhux se jkun biżżejjed biex jippermettilhom il-kwalità ta' ħajja li kienu jgawdu qabel l-irtirar.

Biex persuni jkunu jistgħu jgawdu kwalità ta' ħajja matul l-irtirar daqs kemm kienu jgawdu qabel l-irtirar, iridu jfaddlu biżżejjed matul ħajjithom biex waqt il-perjodu tal-irtirar ikollhom dħul supplimentari lil hinn minn dak provdut mill-pensjoni tas-sigurtà soċjali. Huma jistgħu wkoll jiddeċiedu li jżidu l-introjtu tal-irtirar tagħhom billi jibqgħu attivi fis-suq tax-xogħol.

Ir-riċerka turi li r-riforma tas-sistemi tal-pensjonijiet hija aktar probabbli li tirnexxi jekk tkun kumplimentata minn tagħlim persistenti ta' kultura tal-awtoresponsabbiltà għall-irtirar li tinkiseb billi jitnissel fehim tal-importanza għat-tfaddil għall-irtirar.

In-nies tradizzjonalment kienu jfaddlu f'kontijiet ta' depożitu fiss. Dawn kienu attraenti minħabba r-rati ta' interessi raġonevoli li kellhom. It-tnaqqis sinifikanti fir-rati ta' interessi kkawżat mill-kriżi finanzjarja taż-żona ewro gerrex l-investituri prospettivi milli jinvestu fl-istrumenti tradizzjonali tat-tfaddil u ġegħelhom ifittxu strumenti alternattivi ta' investiment bi qligħ ogħla. F'Malta, preferenza ta' investiment tradizzjonali alternattiva hija l-proprjetà.

In-nies qed tinvesti dejjem aktar f'fondi u ishma. L-għadd ta' prodotti ta' tfaddil, investiment u assigurazzjoni disponibbli għall-konsumaturi pproliferaw u saru aktar kumplessi. Din il-proliferazzjoni ta' prodotti finanzjarji hija fil-parti l-kbira l-kawża permezz ta' avvanzi teknoloġiċi u d-deregolamentazzjoni tas-suq għal prodotti u servizzi finanzjarji.

Il-vulnerabbiltà ta' min ifaddal, madanakollu, kibret b'mod sinifikanti. Iħabbtu wiċċhom ma' sensiela ta' għażliet ta' prodotti – ħafna minnhom ikkumplikati wisq biex jinftiehmu. Il-probabbiltà li persuni jitilfu tfaddil sinifikanti minħabba deċiżjonijiet ta' investimenti ħżiena żdiedet. Huwa ta' tħassib li hawn żieda ta' istituzzjonijiet finanzjarji lokali li jagħmlu bejgħ inadatt ta' prodotti finanzjarji u ta' ditti li jonqsu jew jiffrodaw lill-klijenti tagħhom.

Hu wkoll skunċertanti, (kif enfasizzat minn riċerka mwettqa mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali (DSS) u kif muri mill-gruppi ta' riforma tal-pensjonijiet) li hemm nuqqas ta' għarfien distint fost il-popolazzjoni ġenerali dwar kif taħdem is-sistema tal-pensjonijiet hawn Malta u kif dan għandu impatt fuq id-dħul mill-irtirar ta' persuna.

Barra minn hekk jeżistu gruppi vulnerabili (adoloxxenti, persuni anzjani, ommijiet waħedhom, familji bi dħul baxx, eċċ.), li jħabbtu wiċċhom ma' kwistjonijiet dwar l-immaniġġjar finanzjarju – kemm f'termini ta' ġestjoni ta' flejjes u ta' ppjanar fit-tul u li jistgħu jibbenefikaw minn edukazzjoni u inklużjoni finanzjarja.

Il-Grupp ta' Strateġija dwar il-Pensjonijiet (GSP) fir-rapport tiegħu ta' Ġunju 2015, u sussegwentement fir-rapport ta' wara l-konsultazzjoni ta' Settembru 2015, enfasizza li l-impatt pożittiv fit-tul tar-riforma tal-pensjonijiet jirrikjedi għarfien, edukazzjoni u informazzjoni fuq id-dħul mill-irtirar u l-litteriżmu finanzjarju li jmur lil hinn mill-politika ta' Malta – minn tfal żgħar sa dawk irtirati.

F'Ottubru 2015, grupp ta' ħidma ta' diversi partijiet interessati, li kien jikkonsisti mill-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti, fil-Ministeru tal-Familja u s-Solidarjetà Soċjali (MFSS), id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali (DSS), id-Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni (DKSE), l-Awtorità Maltija għas-Servizzi Finanzjarji (MFSA), u FinanceMalta, ġie stabbilit taħt il-GSP biex ifassal strateġija fuq id-dħul mill-irtirar u l-litteriżmu finanzjarju. L-abbozz tal-Istrateġija ppropona dawn il-punti prinċipali:

- L-użu tal-edukazzjoni biex iwassal għarfien dwar id-dħul mill-irtirar u l-litteriżmu finanzjarju.
- Il-forniment ta' informazzjoni affidabbli u indipendenti u t-twettiq ta' programmi mmirati sabiex jibdlu għall-aħjar l-imġiba u jdaħħlu kultura ġdida fir-rigward tal-ippjanar għall-irtirar fit-tul.
- Ħidma fi sħubija biex jissaħħu l-konnessjonijiet bejn il-partijiet interessati kollha involuti fid-dħul mill-irtirar u l-litteriżmu finanzjarju.

### 01.2 L-Abbozz ta' Strateġija Nazzjonali għad-dħul mill-Irtirar u l-Litteriżmu Finanzjarju

L-abbozz ta' Strateġija ssottolinja tliet messaġġi ċentrali:

**Tabella 01: Messaġġi Ċentrali tal-Abbozz tal-Istrateġija**

| | |
|---|---|
| **Għarfien** | Persuni infurmati huma aktar probabbli li jieħdu deċiżjonijiet raġunati u sensibbli. Dan ifisser li jeħtieġu l-aċċess għall-għarfien u l-għodod ta' tagħlim kif ukoll *networks* ta' appoġġ li jistgħu jiggwidawhom u jgħinuhom biex jieħdu deċiżjonijiet tajbin f'dak li hu kuntest kumpless. |
| **Ippjanar** | Persuni li jkunu familjari kif id-deċiżjonijiet li jkunu ħadu, jew evitaw, matul ħajjithom se jkollhom impatt fuq il-ġid tagħhom fil-preżent u waqt l-irtirar, qegħdin f'pożizzjoni aħjar biex jippjanaw għall-preżent u l-futur – peress li jkunu f'pożizzjoni aħjar li jevalwaw l-għażliet, ir-riskji u jiffokaw fuq dawk id-deċiżjonijiet li jwasslu għall-aħjar riżultati. |
| **Azzjoni** | Persuna li jkollha għarfien tkun kapaċi tippjana minn qabel għall-kwalità ta' ħajja mixtieqa waqt l-irtirar. Hemm probabbiltà li taġixxi b'mod għaqli biex tassigura l-benesseri finanzjarju tagħha u tal-familja. |

## Azzjoni 01

Dawn il-messaġġi ċentrali qegħdin fil-qalba tal-Istrateġija għall-Irtirar u l-Kapaċità Finanzjarja: ***'l-għarfien', 'l-ippjanar'*** u ***'l-azzjoni'***

| | **Punti Prinċipali** |
|---|---|
| **Fehim tad-dħul mill-irtirar u l-litteriżmu finanzjarju** | Fehim tal-importanza tat-tfaddil għall-irtirar. |
| | L-iżgurar tal-litteriżmu finanzjarju u tal-ippjanar tal-irtirar. |
| **Miżuri strateġiċi li jirrelataw mad-dħul mill-irtirar kif ukoll l-għarfien finanzjarju** | Viżjoni biex jittejjeb il-benesseri finanzjarju taċ-ċittadini Maltin. |
| | Il-prinċipji li jirfdu l-kisba tal-viżjoni. |
| | Punti prinċipali strateġiċi:<br>○ L-użu ta' rotot edukattivi.<br>○ L-għoti ta' informazzjoni indipendenti u affidabbli.<br>○ Ħidma fi sħubija mal-partijiet xierqa kollha. |
| **Twettiq tal-Istrateġija nazzjonali għad-dħul mill-irtirar u l-litteriżmu finanzjarju** | Il-finanzjament tal-Istrateġija Nazzjonali. |
| | L-implimentazzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali. |

### 01.3 Ir-Rispons mill-Proċess ta' Diskussjoni u Konsultazzjoni Nazzjonali

L-abbozz tal-Istrateġija Nazzjonali dwar id-Dħul mill-Irtirar u l-Litteriżmu Finanzjarju tnieda fis-26 ta' Jannar 2016 mill-Ministri tal-MFSS u tal-Finanzi (MFIN). Kien segwit minn proċess ta' diskussjoni u konsultazzjoni nazzjonali li dam xahrejn.

Ix-'xehda' ġiet adottata bħala l-*logo* tal-abbozz ta' Strateġija biex tissimbolizza d-diliġenza tan-naħal u l-ħażna tal-għasel u t-trab tad-dakra fid-duqqajs. Għaldaqstant, ix-xehda ttieħdet bħala r-rappreżentazzjoni ta' tkabbir, provvediment, trobbija, komunità, organizzazzjoni u produttività.

Ix-xehda u n-naħla tal-għasel ser jibqgħu l-motif tal-Istrateġija għall-irtirar u l-kapaċità finanzjarja.

## Azzjoni 02

Ix-xehda u n-naħla tal-għasel, li jirrappreżentaw rispettivament (i) it-tkabbir, il-provvediment, it-trawwim, il-komunità, u l-organizzazzjoni, u (ii) ħidma sfiqa u produttività, jikkostitwixxu l-motif tal-Istrateġija u l-implimentazzjoni tagħha.

Il-konsultazzjoni nazzjonali u l-proċess ta' diskussjoni kien ibbażat fuq strateġija li tinkludu partijiet interessati u midja differenti. Dan huwa ppreżentat fit-tabella t'hawn taħt.

| **Tabella 02: Il-Partijiet Interessati kkonsultati fil-Proċess ta' Diskussjoni u Konsultazzjoni Nazzjonali** |
|---|
| Laqgħat formali mal-korpi kostitwiti u l-partijiet interessati. |
| Parteċipazzjoni fi programmi televiżivi. |
| Parteċipazzjoni fi programmi tar-radju. |
| Preżentazzjoni ta' *lectures* u *workshops*. |
| Laqgħat ma' persuni individwali. |
| Artikli fil-mezzi tradizzjonali tax-xandir u l-internet. |

B'kollox, tnejn u għoxrin korpi kostitwiti u korpi tas-soċjetà ċivili pparteċipaw formalment fil-proċess. Dawn qegħdin elenkati fl-Anness I.

Ir-rispons li rriżulta mill-proċess ta' konsultazzjoni juri konverġenza ta' opinjonijiet fuq il-bżonn ta' strateġija robusta fuq l-irtirar u l-kapaċità finanzjarja kif ukoll fuq il-parti l-kbira tal-prinċipji u inizjattivi ewlenin proponuti fl-abbozz tal-Istrateġija.

Dan li ġej jippreżenta numru ta' punti ewlenin li tqajmu matul il-proċess ta' konsultazzjoni.

<table>
<tr><th colspan="2">Tabella 03: Rispons Ippreżentat fil-Konsultazzjoni Nazzjonali u l-Proċess ta' Diskussjoni</th></tr>
<tr><td>Persuni Vulnerabbli</td><td>Ir-rispons afferma li l-Istrateġija għandha tpoġġi aktar enfasi fuq nies vulnerabbli. Enfasizza li l-kwistjoni mal-gruppi vulnerabbli ma kinitx daqshekk it-tħejjija għall-irtirar iżda aktar li tfornihom bil-ħiliet tal-ġestjoni tal-flus u prijoritizzazzjoni biex tippermettilhom li jimmassimizzaw id-dħul tagħhom u biex jgħixu ħajja aktar b'saħħitha.<br><br>Il-koorti ta' popolazzjoni proponuti bħala gruppi vulnerabbli jinkludu:<br><br>○ Persuni qiegħda.<br>○ Persuni li jaħdmu f'xogħol prekarju.<br>○ Persuni f'sitwazzjonijiet ta' dipendenza bħal logħob tal-azzard, alkoħol, eċċ.<br>○ Familji b'dejn eċċessiv.<br>○ Persuni b'diżabilità.<br>○ Dawk li jħallu l-iskola kmieni.<br>○ Żgħażagħ b'ġenitur wieħed.<br>○ Persuni separati jew divorzjati.<br>○ Familji f'sitwazzjonijiet ta' vjolenza domestika.<br>○ Eksħabsin.</td></tr>
</table>

| | |
|---|---|
| **Nistabilixxu Locum ta' Responsabbiltà għall-Implimentazzjoni ta' Strateġija ta' Koordinazzjoni** | Ir-rispons kien afferma bi sħiħ li tali Strateġija kellha tikkumplimenta r-riformi tal-pensjonijiet tal-2004. Filwaqt li entitajiet differenti pubbliċi, edukattivi u tas-soċjetà ċivili impenjaw irwieħhom f'inizjattivi tal-edukazzjoni finanzjarja u tal-irtirar, ma kien hemm l-ebda sforz biex dawn jingħaqdu fi programm nazzjonali sostenibbli.<br><br>Kien enfasizzat ulterjorment li minħabba l-importanza tal-Istrateġija, għall-Gvern kien essenzjali li jistabilixxi unità biex jikkoordina l-partijiet interessati biex jiżgura l-implimentazzjoni tal-Istrateġija b'suċċess. |
| **L-Edukazzjoni Finanzjarja fil-Kurrikulu tal-Edukazzjoni Nazzjonali** | Kien enfasizzat il-punt li l-edukazzjoni finanzjarja fil-kurrikulu tal-edukazzjoni nazzjonali m'għandhiex tkun obbligatorja fil-Livelli 6 u 7 kif inhu l-każ illum. Ġie stabbilit li l-esponiment għall-edukazzjoni finanzjarja għal-livelli 8 u ogħla kienet limitata għall-istudenti li għażlu suġġetti li jinkludu l-ekonomija domestika, il-kummerċ u l-kontabilità, eċċ.<br><br>Hekk kif inhu mfassal fil-preżent, il-kurrikulu nazzjonali jċaħħad studenti tal-Livell 8 li jagħżlu suġġetti tax-xjenza jew l-arti mill-esponiment għall-edukazzjoni finanzjarja. Kien irrimarkat ukoll li l-edukazzjoni finanzjarja fil-livell ogħla (lil hinn mill-isfera tal-kummerċ, ekonomija domestika u affarijiet tal-kummerċ) kienet biss sporadika fl-aħjar każ. |
| **Ekwità tad-Dar** | Kien iddikjarat li l-abbozz ta' Strateġija għamel referenza limitata għall-ekwità tad-dar. Il-parti tal-Istrateġija li għandha x'taqsam mad-dħul mill-irtirar għandha tiffoka aktar fuq l-ekwità tad-dar ġaladarba 'l fuq minn 76% tal-Maltin huma sidien ta' djarhom.<br><br>Kien enfasizzat li Strateġija tal-edukazzjoni finanzjarja fuq l-ippjanar tal-irtirar ma tistax teskludi l-ekwità tad-dar – anki jekk is-suq finanzjarju lokali ma jipprovdix għal skemi ta' rilaxx għall-ekwità tad-dar – minħabba li (i) l-ekwità tad-dar tikkostitwixxi parti sostanzjali tal-ġid tal-familji lokali; u (ii) x'aktarx il-ġenerazzjonijiet futuri xorta ser jirtu l-ekwità tad-dar mingħand il-ġenituri biex itejbu d-dħul tal-irtirar tagħhom stess. |
| **Il-Wisa' tal-Kampanja ta' Informazzjoni, Għarfien u Edukazzjoni** | Sar il-punt li Strateġija bħal din m'għandhiex tillimita l-edukazzjoni, l-għarfien u l-informazzjoni dwar il-pensjonijiet u s-swieq finanzjarji biss iżda għandha tkun wiesgħa biżżejjed biex tinkludi għarfien dwar il-VAT, ġestjoni tat-taxxa fuq id-dħul, is-sigurtà soċjali, il-benefiċċji mhux kontributorji, eċċ.<br><br>Kien enfasizzat li, kemm fir-rigward tal-ġestjoni ta' kuljum tal-flus (speċifikament għall-gruppi vulnerabbli) u kemm fl-ippjanar tal-irtirar futur, fehim aktar kompresiv ta' ġestjoni tajba ta' dawn il-materji taf tirriżulta fi kwalità ta' ħajja aħjar u stil ta' ħajja aktar b'saħħitha – matul il-vjaġġ taċ-ċiklu tal-ħajja kif ukoll fl-irtirar. |

| | |
|---|---|
| **Ngħaddu l-Messaġġ tal-Istrateġija tal-Komunikazzjoni b' Attenzjoni** | Kien enfasizzat il-punt li ladarba jkun twaqqaf il-mezz ta' koordinazzjoni, dan għandu joqgħod attent bil-mod ta' kif iwassal il-messaġġi tiegħu. Għal ħafna nies, il-mezz ta' koordinazzjoni ser ikun il-leħen tal-Istat fuq il-kapaċità finanzjarja u l-irtirar - u għaldaqstant jekk il-komunikazzjoni u l-edukazzjoni jkunu drammatizzati żżejjed, dawn jistgħu jwasslu għal riperkussjonijiet negattivi fuq is-soċjetà.<br><br>Il-messaġġi għandhom jiġu adattati għal-livell tal-irtirar u tal-maturità tal-edukazzjoni finanzjarja tas-soċjetà Maltija. L-introduzzjoni ta' kunċett tat-tip 'Orange Envelope' simili għal dak fis-seħħ fl-Iżvezja x'aktarx li jkun pass kbir wisq f'dan l-istadju. Għalhekk, il-messaġġi għandhom jiġu evalwati kontinwament biex jiżguraw l-effettività tal-impatt tagħhom. |
| **Nagħmlu Referenza għall-Kapaċità Finanzjarja u mhux għal-Litteriżmu Finanzjarju** | Kien propost li l-Istrateġija għandha tagħmel referenza għat-terminu 'kapaċitajiet finanzjarji' u mhux 'litteriżmu finanzjarju'. 'Il-litteriżmu finanzjarju' jħaddan viżjoni dejqa: prinċiparjament il-fehim tas-suq finanzjarju - prodotti differenti ta' tfaddil u ta' investiment, riskji relatati, drittijiet tal-konsumatur, eċċ.<br><br>'Il-kapaċità finanzjarja' min-naħa l-oħra, li bħala terminu nħoloq riċentement, tħaddan ħames oqsma ewlenin: Li wieħed ikun kapaċi (i) jimmaniġġja l-flus, (ii) iżomm rekords tal-finanzi, (iii) jippjana bil-quddiem, (iv) jagħżel prodotti finanzjarji, u (v) jibqa' infurmat dwar materji finanzjarji. 'Il-kapaċità finanzjarja' kienet aktar konsistenti mat-tliet messaġġi ċentrali li jirfdu l-Istrateġija: l-għarfien, l-ippjanar, l-azzjoni. |
| **Nikkomunikaw bil-Malti u bl-Ingliż** | B'mod patikulari fir-rigward tal-gruppi vulnerabbli, l-istrateġiji tal-għarfien, l-edukazzjoni, u l-informazzjoni għandhom ikunu bil-Malti. Madanakollu, m'hemm l-ebda glossarju bil-Malti għal bħal dawn it-Termini. Id-definizzjoni ta' glossarju għall-irtirar u termini finanzjarji bil-Malti hija essenzjali.<br><br>Kampanji ta' informazzjoni, edukazzjoni u għarfien immirati għall-gruppi vulnerabbli għandhom ikunu bil-Malti. Għal dan il-għan, it-tħejjija ta' kompendju bil-Malti għat-termini finanzjarji u tal-irtirar għandhom jingħataw prijorità. Peress li t-terminoloġija tal-irtirar u tal-kapaċità finanzjarja tista' tkun teknika ferm u intrinsikament itqal biex tiġi spjegata, il-kampanji għandhom jitfasslu, jiġu ppjanati u eżegwiti b'Malti u Ingliż simplifikat. |

# Nifhmu l-Irtirar u l-Kapaċità Finanzjarja

Kapitlu 02

## 02.1. Nippożizzjonaw l-Istrateġija lejn 'l-Irtirar u l-Kapaċità Finanzjarja'

Kif kien diskuss fil-kapitlu preċedenti, matul il-proċess ta' konsultazzjoni, partijiet interessati differenti saħqu li l-Istrateġija għandha tpoġġi enfasi akbar fuq il-kwistjoni tal-gruppi vulnerabbli u l-ġestjoni tal-irtirar/tal-finanzi. Aktar minn hekk, waħda mill-proposti li tqajmet matul il-proċess ta' diskussjoni rrakkomandat li l-Istrateġija għandha tiffoka aktar fuq il-'kapaċità' milli fuq il-'litteriżmu'.

L-importanza ta' approċċ bħal dan huwa magħruf u qed tingħata aktar konsiderazzjoni lil din in-nozzjoni. Fil-fatt, l-Istrateġija ġiet pożizzjonata biex tagħti aktar importanza lill-'kapaċità finanzjarja'. Filwaqt li l-litteriżmu finanzjarju, bla dubju ta' xejn, irendi lin-nies aktar kwalifikati biex jimmaniġġjaw il-finanzi tagħhom, madanakollu, huwa improbabbli li jnaqqas is-suxxettibilità finanzjarja fil-familji vulnerabbli jekk mhux ser ikunu indirizzati l-ostakli istituzzjonali għall-prodotti finanzjarji ta' benefiċċju. Il-kunċett ta' kapaċità finanzjarja jmur id f'id mal-litteriżmu finanzjarju iżda jindirizza wkoll in-nuqqasijiet istituzzjonali li qed ikunu ta' piż fuq familji vulnerabbli.

It-terminu 'kapaċità finanzjarja' huwa definit bħala l-għarfien tan-nies, il-kunfidenza u l-motivazzjoni għall-ġestjoni tal-finanzi personali (Dixon, 2006). Il-Gvern tar-Renju Unit pereżempju introduċa din id-definizzjoni:

> *"Il-kapaċità finanzjarja hija kunċett wiesa', li jinkludi l-għarfien, il-ħiliet u l-kapaċitajiet tan-nies biex jifhmu ċ-ċirkostanzi finanzjarji tagħhom stess, flimkien ma' motivazzjoni biex jieħdu azzjoni. Konsumaturi finanzjarjament kapaċi jippjanaw minn qabel, isibu u jużaw l-informazzjoni, ikunu jafu meta għandhom ifittxu parir u jifhmu u jaġixxu abbażi ta' dan il-parir, li jwassal għal aktar parteċipazzjoni fis-suq tas-servizzi finanzjarji"* (HM Treasury, 2007).

Din id-definizzjoni tenfasizza fuq 'l-għarfien u l-kompetenzi', 'ippjanar minn-qabel' u 'li wieħed jaġixxi'. Din l-enfasi fuq il-ħila ta' persuna li 'tifhem', 'tevalwa', "tippjana" u 'taġixxi' fl-aħjar interess tagħha tirrifletti l-messaġġ ċentrali li jirfed din l-Istrateġija.

Il-grafika ta' hawn taħt turi kif l-edukazzjoni finanzjarja u l-inklużjoni finanzjarja għandhom rabta mal-kapaċità finanzjarja.

Figura 01: Ir-Rabtiet tal-Kapaċità Finanzjarja mal-Litteriżmu Finanzjarju u l-Inklużjoni Finanzjarja




Sors: Sherradan, 2010

## 02.2. L-Importanza tal-'Kapaċità tal-Irtirar'

Ir-riċerka tissuġġerixxi li individwi ma jurux biss livelli baxxi ta' kapaċità finanzjarja, iżda li l-illitteriżmu finanzjarju huwa marbut ma' nuqqas ta' ppjanar finanzjarju u riżorsi insuffiċjenti għall-irtirar – meta wieħed iqis li għal ħafna persuni s-sigurtà finanzjarja fl-irtirar tiddependi fuq il-pensjonijiet tas-sigurtà soċjali (Boisclaire, et al, 2014).

### 02.2.1 Livell Baxx ta' Preparazzjoni għall-Ippjanar tal-Irtirar

Il-letteratura flimkien mar-riċerka li saret Malta juru biċ-ċar li hemm livell baxx ta' preparazzjoni fir-rigward tal-ippjanar tal-irtirar. X'jispjega dan il-livell baxx ta' tħejjija għall-irtirar? Għaliex in-nies imorru tant ħażin f'dak li għandu x'jaqsam mat-tfassil u t-twettiq ta' pjanijiet għat-tfaddil għall-irtirar? Dan huwa r-riżultat ta' persuni li għandhom diskrepanzi sinifikanti fl-għarfien dwar l-irtirar (Lusardi et al, 2005) bħal:

- Il-persuni jiffukaw fuq perjodu qasir. L-ippjanar tal-irtirar, ta' spiss, ma jinkludix analiżi serja u speċifika tal-ħajja u l-kwistjonijiet finanzjarji.

- Meta n-nies jippjanaw għall-irtirar, jillimitaw l-attenzjoni tagħhom fuq il-ġestjoni tal-investiment.

- Hemm nuqqas ta' fehim sinifikanti fuq it-tulijiet tal-ħajjiet u l-varjabilitajiet tagħhom. Ħafna jissovravalutaw l-ammont li jista' jinħareġ b'mod sikur minn kont tat-tfaddil tal-irtirar. Barra minn hekk, huma jikkunsidraw biss redditu medju fuq l-investiment mingħajr ma jiżnu l-iżvantaġġ tar-riskju u r-riżultati f'każ li jkun hemm snin foqra.

- Ladarba l-istennija ta' ħajjet iċ-ċittadini Maltin qed tkompli tiżdied, il-pensjonanti qed jirriskjaw li jgħixu aktar minn dak li jippermettulhom l-assi finanzjarji tagħhom.

- In-nies huma ottimisti dwar ir-redditu mistenni fuq id-dħul mit-tfaddil u mill-investimenti u l-abilità tagħhom li jamministraw tali tfaddil u investimenti.

- Nuqqas ta' edukazzjoni ta' kif taħdem il-pensjoni tas-sigurtà soċjali, jirriżulta f'li n-nies jissovravalutaw il-livell tad-dħul mistenni mill-pensjoni tas-sigurtà soċjali li jirċievu mal-irtirar.

### 02.2.2 X' Jikkostitwixxi Dħul tal-Irtirar 'Biżżejjed'?

L-adegwatezza tad-dħul mill-irtirar hija definita b'mod relattiv għal standard ta' ħtiġijiet minimi, bħalma hi r-rata tal-faqar. Alternattivament, hija definita li tirrappreżenta l-livell tal-infiq domestiku esperjenzat matul is-snin ta' ħidma. Oħrajn iqisu d-dħul tal-irtirar bħala adegwat jekk il-proporzjon ta' dħul mill-irtirar meta mqabbel mad-dħul ta' qabel l-irtirar – ir-rata ta' sostituzzjoni – hija ta' bejn 65% u 85%.

Min jirtira għandu bżonn jissostitwixxi 100% tad-dħul ta' qabel l-irtirar biex iżomm il-kwalità ta' ħajja bħala rtirat? Il-profili ta' nfiq tal-persuni anzjani huma differenti minn dawk meħtieġa matul il-perjodi preċedenti taċ-ċiklu tal-ħajja. Persuni anzjani, pereżempju, m'għandhomx għalfejn jinvestu fl-edukazzjoni ta' wliedhom jew iħallsu d-dejn fuq id-dar. Benefiċċji ta' natura sinifikanti huma pprovduti mill-Gvern lil persuni anzjani – bħal pereżempju għajnuna medika b'xejn, kura tas-saħħa, kura komunitarja, u l-kura fit-tul.

Madanakollu, in-nies mhux biss qegħdin jgħixu aktar minn ġenerazzjonijiet preċedenti iżda huma ħafna aktar b'saħħithom u jgħixu ħajja iktar attiva. Fil-fatt, hemm aspettattiva fost il-kategoriji ta' pensjonanti 'anzjani żgħar' (bejn 65 u 69 sena) u dawk ftit 'ixjeħ' (bejn 70 u 74 sena) li jżommu l-istess livell ta' kwalità ta' ħajja li kienu jgawdu qabel l-irtirar.

Biex ikun żgurat li individwu jkollu livell neċessarju ta' dħul matul l-irtirar jitlob fehim tad-dħul tal-pensjoni tas-sigurtà soċjali li jkun ser jirċievi, u kif dan jitqabbel mal-kwalità tal-ħajja li hu jfittex fl-irtirar. Ir-riformi tal-pensjonijiet li twettqu s'issa fittxew li jiżguraw livell ta' proporzjon ta' sostituzzjoni għall-pensjoni tas-sigurtà soċjali li tipprovdi lill-pensjonanti b'adegwatezza u, għalhekk, dinjità, waqt l-irtirar.

Ir-riformi tal-2015 bassru Rata ta' Sostituzzjoni tal-Pensjoni Medja (RSPM) ta' 45% – dak huwa l-valur tal-pensjoni tas-sigurtà soċjali fir-rigward ta' paga medja. Dan huwa aktar baxx mir-RSPM li qed igawdu minnha l-pensjonanti attwali – li hija ta' madwar 54%. Dan ifisser li l-pensjonanti futuri se jkollhom inqas dħul mill-pensjoni tal-lum. Barra minn hekk, madwar 45% huwa indikatur medju. Għal persuni li d-dħul tagħhom huwa ogħla mid-dħul pensjonabbli massimu (DPM), ir-RSPM x'aktarx tkun eqreb lejn 35%; filwaqt li persuni li l-introjtu tagħhom qiegħed fil-medda ta' €10,000, ir-RSPM x'aktarx li tkun aktar qrib id-90%.

Id-dħul uniku mill-pensjoni tas-sigurtà soċjali għall-persuni bi dħul medju, għalhekk, x'aktarx mhux ser iħallihom igawdu minn kwalità ta' ħajja li toqrob lejn dik ta' qabel. Madanakollu, ir-riċerka turi li l-maġġoranza tal-persuni f'Malta ma jippjanawx biex jikkumplimentaw id-dħul tagħhom mill-pensjoni billi jieħdu mit-tfaddil b'mod programmat matul l-irtirar li flimkien jippermettilhom jilħqu l-kwalità ta' ħajja mixtieqa fl-irtirar. Minn dawk li jaħsbu dwar il-livell ta' dħul fl-irtirar, il-maġġoranza jiddikjaraw li jeħtieġu l-istess livell ta' dħul ta' qabel l-irtirar (Galea, 2015).

Din ir-riċerka tikkomplimenta r-riżultati minn stħarriġ imwettaq mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika (NSO) f'isem kemm il-GĦP tal-2004 u dak tal-2010 li wera li għall-biċċa l-kbira tal-familji, il-pensjoni tas-sigurtà soċjali hija s-sors ta' dħul ewlieni. Huwa evidenti li fost il-popolazzjoni ġenerali hemm nuqqas ta' fehim ta' kif taħdem is-sistema tal-pensjonijiet, il-livell ta' dħul mill-pensjoni, u kif it-tfaddil u l-investiment, jew in-nuqqas tagħhom, matul il-ħajja tax-xogħol se jkollu impatt, b'mod pożittiv jew negattiv, fuq il-kwalità tal-ħajja wara li jirtiraw.

Apparti mill-għarfien hemm fatturi oħra tal-imġiba tat-tfaddil. Wieħed minnhom huwa r-rabta bejn id-dħul disponibbli u l-volum tat-tfaddil. Wieħed ma jistax ifaddal għall-irtirar jekk persuna jew familja ma taqlax biżżejjed flus biex ikollha baġit żejjed li parti minnu jkun jista' jiġi investit fi tfaddil. L-aspettativi tad-dħul għandhom rwol ukoll. Pereżempju, skont l-ipoteżi ta' dħul permanenti, in-nies jipprovaw irendu l-infiq tagħhom b'tali mod li jilħqu d-dħul medju, jew 'permanenti' tagħhom matul ħajjithom, bit-tfaddil li jkollu r-rwol ta' lqugħ. Dħul 'il fuq mil-livell permanenti jagħti spinta lit-tfaddil, mentri tnaqqis fid-dħul f'livell taħt il-livell permanenti iwassal għan-nuqqas ta' tfaddil.

Il-figura ta' hawn taħt turi li d-dħul ivarja b'mod sinifikanti matul il-ħajja ta' persuna. Fatturi demografiċi għandhom rwol kruċjali biex jiddeterminaw it-tfaddil fit-teorija taċ-ċiklu tal-ħajja. Huwa improbabbli li persuna medja tfaddal għal meta tirtira fiż-żgħożija tagħha – minbarra, pereżempju, ix-xiri ta' karozza, vjaġġar, jew finanzjament parzjali ta' studji ulterjuri. Iż-żgħażagħ ma jiħdux deċiżjonijiet proattivi dwar il-futur tagħhom – riżultat tal-ewristika tal-aġir bħall-mijopja jew l-inerzja.

Il-familji żagħżagħ x'aktarx ma jfaddlux fl-istadji bikrin tal-karriera tagħhom. Matul dan il-perjodu, l-introjtu tagħhom ikun baxx u jkunu qed jiffinanzjaw spejjeż sostanzjali ta' finanzjament bħal self biex jixtru u jarredaw id-dar futura tagħhom u spejjeż relatati mat-trobbija tal-familja. Il-koorti tal-età bejn l-40 u l-54 sena rispettivament x'aktarx ikunu rabbew it-tfal u ħallsu d-dejn fuq id-dar tagħhom. Kif turi d-data tal-SBD tal-2008, huwa f'dan l-istadju, ladarba jkun tħallas id-dejn fuq id-dar u t-tfal ikollhom sors ta' dħul tagħhom, li l-familja jkollha l-opportunità tfaddal ġid (apparti d-dar residenzjali).

**Figura 02: Iċ-Ċiklu tal-Ħajja ta' Tfaddil ta' Familja Maltija Medja**




*Sors: NSO-d, 2008*

Mal-irtirar, id-dħul jonqos u filwaqt li x-xejriet tal-familja jinbidlu, il-kapaċità li wieħed jgħix ħajja ta' kwalità simili għal dik ta' waqt l-impjieg tonqos ukoll. Fiċ-ċiklu tal-ħajja ta' persuna medja, hemm biss perjodu limitat ta' bejn 10 – 15-il sena fejn, apparti mill-investiment fl-assi tad-dar, dik il-persuna jew familja tibda takkumula ġid f'assi finanzjarji.

Madanakollu, dan jista' jkun perjodu qasir wisq biex jippermetti li persuna timla l-vojt bejn id-dħul tal-irtirar u d-dħul mill-impjieg li jippermettulha żżomm l-istess kwalità ta' ħajja jew qrib għal dik li kienet tgawdi fi żmien l-impjieg.

02.2.3 Ir-Riskji li Jaffettwaw it-Tfaddil matul l-Irtirar

Ir-riskji li jaffettwaw it-tfaddil matul l-irtirar ta' persuna huma kumplessi u marbutin mill-qrib. Ir-riskji li huma trasferibbli u dawk li jistgħu jinġabru flimkien jinkludu ħajja itwal, l-ispiża ta' diżabilità u l-kura fit-tul, l-ispiża tal-kura tas-saħħa, telf ekonomiku wara l-mewt ta' wieħed mill-konjuġi. Jinkludu wkoll riskji ta' investiment u rata tal-imgħax. Riskji li ma jistgħux jinġabru flimkien jinkludu diffikultajiet biex jinstab impjieg, irtirar bikri, membri tal-familja li għandhom bżonn l-għajnuna, u l-inflazzjoni. Dawn ir-riskji jaffettwaw it-tfaddil għall-irtirar, kif muri fit-tabella ta' hawn taħt.

| Tabella 04: Ir-Riskji li Jaffettwaw it-Tfaddil waqt l-Irtirar | |
|---|---|
| **Stennija tal-Ħajja** | L-istennija tal-ħajja ta' persuni Maltin qed tkompli tiżdied matul iż-żmien. L-irtirar qed idum ħafna iktar minn qabel. Ir-riskju inerenti huwa li xi nies jispiċċaw jissottovalutaw l-aspettattiva tal-ħajja tagħhom u jgħixu oltre l-kapital tagħhom.<br><br>B'avvanzi notevoli fil-qasam tal-mediċina, u b'aktar Maltin jagħtu aktar attenzjoni lil saħħithom (dieta aħjar, irqad u drawwiet tal-eżerċizzju), il-medja tal-aspettativa tal-ħajja mistennija tiżdied – b'6 snin oħra sas-sena 2060.<br><br>Għalhekk, huwa riskjuż għall-persuni li jibbażaw l-istrateġija tagħhom fuq it-teħid ta' dak li jkunu faddlu għall-irtirar fuq is-suppożizzjoni li jkunu ser jgħixu sal-istennija tal-ħajja tagħhom. Il-fatt hu, li filwaqt li l-istennija tal-ħajja hija magħrufa, il-lonġevità attwali ta' persuna mhix. Jekk persuna tgħix aktar fit-tul milli mistenni tista' tispiċċa mingħajr tfaddil. Dan huwa riskju li n-nisa aktar għandhom ċans li jiffaċċjawh mill-irġiel għax medjament jgħixu ħames snin aktar fit-tul. |
| **L-Inflazzjoni** | L-inflazzjoni tirrappreżenta ż-żieda ġenerali fil-prezzijiet tal-prodotti u s-servizzi matul is-snin. Dan jaffettwa s-saħħa tax-xiri ta' persuna.<br><br>Ir-rata medja tal-inflazzjoni f'Malta bejn l-1990 u l-2014 kienet ta' 2.51%. Rata ta' inflazzjoni modesta xxekkel il-kapaċità tal-akkwist. Għal pensjonanti, l-inflazzjoni qed tirriskja li tikkomprometti b'mod sinifikanti l-lonġevità tal-kapital tagħhom. |
| **Il-Kwalità ta' Ħajja** | Kif muri fl-abbozz ta' Strateġija, persuna li twieldet bejn l-1952 u l-1961 u għandha salarju ta' €20,000, mal-irtirar ikollha bżonn €8,000 addizzjonali mad-dħul mill-pensjoni jekk trid iżżomm l-istess kwalità ta' ħajja fl-irtirar.<br><br>Ir-Riċerka mill-Bank Ċentrali ta' Malta (BĊM) turi li aktar minn 97% tal-familji għandhom minn tal-anqas ass finanzjarju wieħed, li fil-gran parti jikkonsisti f'depożitu bankarju bl-interessi. 74.3% tal-familji kellhom kontijiet kurrenti, filwaqt li 21.6% kellhom xi forma ta' titolu ta' dejn, bħal *bonds* u titoli tal-Gvern. 13.4% tal-familji kollha kellhom ekwità bil-Borża ta' Malta u 24.2% kienu koperti b'assigurazzjoni fuq il-ħajja jew jieħdu sehem f'xi skema ta' pensjoni (BĊM, 2013).<br><br>Il-ġestjoni tat-tfaddil huwa punt kritiku biex tkun żgurata l-ogħla rata ta' ritorn – partikolarment f'era ta' rati ta' interessi baxxi ferm. |

| | |
|---|---|
| **Il-Ġestjoni tat-Tfaddil** | Il-ġestjoni tat-tfaddil hija punt kritiku biex tkun żgurata l-ogħla rata ta' ritorn. Kif muri fl-abbozz ta' strateġija persuna li tfaddal €500 fis-sena għall-irtirar sa mill-età ta' 35 għal meta tirtira se jkollha kapital ta' €15,500. Dan il-kapital ser jikber skont kif ikun investit. Jekk jitħalla f'kont tat-tfaddil normali b'rata ta' interess ta' 0.1%, l-interess akkumulat ser ikun biss ta' €234. Is-saħħa tax-xiri ta' tali investiment jisfa fix-xejn jekk ikun hemm rata medja ta' inflazzjoni ta' 2.0%.<br><br>Min-naħa l-oħra, l-investiment ta' tali kapital f'kont tat-tfaddil ta' 3.0% jirriżulta f'imgħax akkumulat ta' €9,501. |
| **Ir-Rata tal-Ħruġ tat-Tfaddil** | L-investimenti tal-assi finanzjarji medjani għall-persuni rtirati kien ta' €28,906 (BĊM, 2013). Ħafna ħruġ ta' spiss jew livelli għoljin ta' ħruġ inaqqsu t-tfaddil malajr - bit-tnaqqis ikun aktar mgħaġġel jekk it-tfaddil ikun investit fi prodotti finanzjarji b'rati ta' interessi baxxi. |
| **Ġid Akkumulat fil-Proprjetà** | 76.4% tal-persuni f'Malta huma s-sidien (biċ-ċens jew mingħajru) tad-dar tagħhom. Għall-maġġoranza tan-nies, ix-xiri tad-dar huwa l-akbar investiment f'ħajjithom. Bħala medja, l-ammont missellef huwa ta' madwar €63,560 u l-medja tal-perjodu ta' ħlas lura huwa ta' 26.5 sena (BĊM, 2013).<br><br>Sal-età tal-irtirar, l-ipoteka tkun tħallset. Investiment fix-xiri tad-djar ifisser li l-parti l-kbira tal-familji, hekk kif ikunu qed joqorbu lejn l-irtirar, ser ikollhom parti sinifikanti tal-ġid tagħhom marbut ma' darhom. Il-valur medjan tad-djar ta' residenza li huma proprjetà ta' familji huwa ta' €186,643 (BĊM, 2013).<br><br>F'Malta m'hemmx strumenti finanzjarji, bħal Skemi ta' Rilaxx tal-Ekwità (SRE), li jippermettu lis-sidien tad-djar li jkollhom aċċess għall-ġid akkumulat fi proprjetà għad-dħul mill-irtirar. Madanakollu, in-nies jieħdu valur mill-proprjetà tagħhom meta jirtiraw. Primarjament dan jinkiseb b'żewġ modi: billi jċekknu permezz tal-bejgħ tad-dar u r-rilokazzjoni f'dar iżgħar jew appartament, jew billi jpartu l-proprjetà tagħhom ma' fornitur privat ta' djar ta' residenza.<br><br>It-tnejn mifnijin b'riskji. L-ewwel wieħed għandu riskji tas-suq: iż-żmien, il-valutazzjoni, it-tassazzjoni eċċ. Tal-aħħar għandu riskji inerenti minħabba li r-rilaxx ta' ekwità informali bħal din mhix regolata.<br><br>Essenzjalment, il-kultura eżistenti li hemm fost is-sidien irtirati tad-djar huwa li l-proprjetà ma titqiesx bħala parti mill-portafoll tal-assi tal-irtirar tagħhom. Minflok, il-proprjetà titqies bħala ġid li jitħalla lill-werrieta. Simbjożi kulturali ta' dan it-tip, fejn il-proprjetà tkun trasferiment ta' ġid interġenerazzjonali, x'aktarx li tissokta mill-ġenerazzjonijiet ta' pensjonanti ta' bħalissa.<br><br>Ma jistax jiġi injorat li pensjonanti futuri probabbilment jistgħu jkunu anqas sinjuri mill-ġenituri tagħhom u jista' jkun li jkollhom iżommu l-proprjetà tagħhom bħala l-komponent ewlieni tal-assi tal-irtirar tal-portafoll tal-beni. |

## 02.3. L-Importanza tal-'Kapaċità tal-Irtirar'

Kif jista' wieħed ikejjel jekk persuni humiex finanzjarjament kapaċi? X'tip ta' ambjent l-aħjar jappoġġa u jippromwovi l-kapaċità finanzjarja? Hemm ħafna fatturi li jiddeterminaw il-benesseri, jew bil-kontra, il-vulnerabbiltà u l-esklużjoni. Il-kapaċità finanzjarja tlaqqa' flimkien il-ħila (għarfien u ħiliet); l-attitudni (l-attitudnijiet u l-motivazzjonijiet); u l-konnessjoni għal prodotti, servizzi u għodod. Il-kapaċità finanzjarja taffettwa l-imġiba finanzjarja tan-nies, bħal pereżempju kemm huma kapaċi jimmaniġġjaw id-dejn jew l-ibbaġittjar ta' kuljum jew jippjanaw għall-irtirar tagħhom. L-imġiba finanzjarja tiġi affettwata wkoll mill-mezzi tan-nies - kemm għandhom flus - u pressjonijiet ippjanati jew le, inkluż avvenimentii kbar tal-ħajja, bħal pereżempju li wieħed ikollu tarbija.

Għaliex huwa kruċjali għaċ-ċittadini Maltin li jkunu finanzjarjament kapaċi? Minn perspettiva nazzjonali, l-iżvilupp tal-kapaċità finanzjarja tgħin biex jitnaqqsu l-ispejjeż f'dak li għandu x'jaqsam ma' rispons għall-kriżijiet, li jiddevjaw ir-riżorsi minn alternattivi aktar produttivi. Min-naħa l-oħra, il-kapaċità finanzjarja li tagħti kontribut pożittiv lill-ekonomija billi ttejjeb il-ħiliet, is-saħħa u l-benesseri tal-individwi peress li jkunu f'qagħda aħjar biex jittrattaw u jamministraw il-finanzi tal-familji tagħhom, jistgħu jipprovdu ikel tajjeb għas-saħħa fi ħdan il-pakkett baġitarju u jimmiraw l-infiq tagħhom lejn dak li huwa importanti u neċessarju.

Fuq bażi individwali, il-karatteristiċi ta' koorti ta' dħul u popolazzjonijiet differenti jippreżentaw sfidi differenti. Il-kapaċità finanzjarja ta' persuni vulnerabbli, pereżempju, teħtieġ aktar attenzjoni għall-abbiltà tagħhom biex jimmaniġġjaw id-dħul u d-dejn tagħhom. Min-naħa l-oħra, l-adulti żgħażagħ huma kkundizzjonati mill-ewristika tal-aġir: il-pensjonijiet huma għall-futur filwaqt li jridu jindirizzaw l-isfidi taċ-ċiklu tal-ħajja tal-lum: jiżżewġu, irabbu familja, jixtru dar, eċċ. Dan il-kuntest ta' faċilità finanzjarja jimplika kemm l-abbiltà u l-opportunità. Nies li jkunu finanzjarjament kapaċi jkollhom il-kapaċità u l-opportunità biex itejbu l-benesseri finanzjarju tagħhom billi jaġixxu fl-aħjar interess tagħhom.

### 02.3.1 Gruppi Vulnerabbli

Il-kapaċità finanzjarja hi element ċentrali ta' tħassib tal-politika soċjali għax in-nuqqas ta' għarfien finanzjarju, abbiltajiet, opportunitajiet, u assi jikkontribwixxu għall-faqar u l-inugwaljanza. Gruppi vulnerabbli – iż-żgħażagħ, l-anzjani, l-ommijiet waħedhom, il-familji bi dħul baxx, eċċ. – x'aktarx li għandhom livell mhux adekwat ta' kapaċità finanzjarja. Livelli limitati ta' għarfien u ħiliet finanzjarji jwasslu għal impatt finanzjarju, b'mod partikolari fuq gruppi vulnerabbli, fejn il-marġni għal żball huwa minimu u għażla finanzjarja ħażina għandha konsegwenzi serji. Pereżempju, il-familji bi dħul baxx li ma jifhmux kif jaħdmu r-rati tal-imgħax tal-karti ta' kreditu u l-istrutturi ta' ħlas huma affettwati agħar minn persuni ta' familji aktar sinjuri. Dan minħabba li hemm probabbiltà li dawn tal-aħħar ikunu newtralizzati finanzjarjament.

In-nies kif jiksbu għarfien finanzjarju? Persuni jiksbu u jiżviluppaw 'valuri, attitudnijiet, standards, normi, għarfien u mġiba' permezz ta' proċess ta' soċjalizzazzjoni. Għall-biċċa l-kbira tan-nies dan il-proċess jibda fi ħdan il-familja. Huwa proċess li jigwida l-fehim finanzjarju u l-approċċi għal deċiżjonijiet finanzjarji. Ġenituri li m'għandhomx l-għarfien u l-ħiliet finanzjarji ma jistgħux jimmudellaw deċiżjonijiet finanzjarji sodi għat-tfal tagħhom. Żgħażagħ minn familji aktar sinjuri, għalhekk, għandhom aktar probabbiltà li jiksbu esperjenza ta' kapaċità finanzjarja aktar kmieni f'ħajjithom.

Is-soċjalizzazzjoni ekonomika għandha l-limitazzjonijiet tagħha fit-tħejjija tan-nies b'mod adegwat għall-kapaċità finanzjarja Dan iġiegħel lill-gvernijiet biex jadottaw approċċ doppju.

L-ewwel wieħed huwa l-edukazzjoni finanzjarja. L-istrateġiji tal-edukazzjoni finanzjara huma mfassla biex jilħqu koorti speċifiċi tal-popolazzjoni. L-edukazzjoni finanzjarja li timmira lejn familji bi dħul medju għandha t-tendenza li tiffoka fuq l-eliminazzjoni ta' mġiba ermanewtika bħall-inerzja biex jiggwidaw persuni biex ifaddlu għal meta jirtiraw. Min-naħa l-oħra, l-edukazzjoni finanzjarja mmirata lejn gruppi vulnerabbli għandha t-tendenza li tiffoka fuq suġġetti bħalma huma l-prijorità, il-ġestjoni tal-baġit, l-infiq, l-ippjanar, il-kreditu, id-dejn, il-ħlas ta' kontijiet, u t-tfaddil.

It-tieni huwa l-parir finanzjarju. Parir bħal dan jingħata minn servizzi ta' pariri jew persuni tal-għajnuna soċjali. Dawn tal-aħħar jipprovdu lil persuni fi gruppi vulnerabbli bi gwida dwar ġestjoni ta' flus matul il-qgħad, separazzjoni u divorzju, djun, prijoritajiet u għażliet, preklużjoni tad-dar, jew l-iffaċċjar ta' instabbiltà finanzjarja fit-tul, bħalma huma l-faqar, id-diżabbiltà, mard kroniku, eċċ.

F'April 2016 l-MFSS ressaq applikazzjoni taħt il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) tal-Unjoni Ewropea (UE) intitolat 'Għarfien, Taħriġ, Komunikazzjoni u Miżuri ta' Appoġġ favur Gruppi Vulnerabbli'. Wieħed mill-flussi identifikati, jirrelata mat-titjib tal-għarfien tal-professjonisti fuq il-kapaċità finanzjarja, mal-FSWS, l-Aġenzija Sapport, il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD), id-DSS, l-għalliema miċ-Ċentru tas-Seminar tal-Ekonomija Domestika, Dun Manwel Attard Resource Centre, l-għalliema u l-persunal tad-Direttorat għat-Tagħlim tul il-Ħajja u Organizzazzjonijiet Volontarji rreġistrati. L-objettiv ta' dan il-bini ta' kapaċità huwa li jforni lill-professjonisti li jaħdmu ma' persuni vulnerabbli u żvantaġġjati bl-għarfien tal-kapaċità finanzjarja. Dan ser jippermettilhom li jkunu f'pożizzjoni li jipprovdu lill-persuni fi gruppi vulnerabbli b'esperjenza ta' konsulenza ta' 360° li tintegra l-ġestjoni ta' flus, il-prijoritizzazzjoni, l-ibbaġitjar, il-ġestjoni tad-dejn, eċċ. flimkien ma' pariri relatati mas-sigurtà soċjali u l-għajnuna soċjali.

Anke b'edukazzjoni finanzjarja, pariri u konsulenza, huwa improbabbli li n-nies iżommu l-pass mal-kumplessità dejjem akbar tal-ħajja finanzjarja moderna. F'Malta qatt ma sar stħarriġ OECD/INFE fuq bażi nazzjonali biex jitkejjel il-livell ta' kapaċità finanzjarja, u jitqabbel ma' dak ta' pajjiżi oħra. Għalhekk, ma hemm l-ebda data dwar il-livell tal-kapaċità finanzjarja fid-demografiċi kollha. Riċerka fil-livell *undergraduate* tissuġġerixxi li n-nisa huma inqas litterati fil-finanzi, iż-żgħażagħ u l-anzjani huma anqas litterati finanzjarjament minn dawk ta' età medja, filwaqt li dawk li għandhom livell ogħla ta' edukazzjoni għandhom aktar għarfien finanzjarju (Mangion, 2015).

Data tal-NSO fuq il-forza tax-xogħol għall-ewwel kwart tal-2016 tindika li dawk li jaqalgħu l-anqas jaħdmu f'xogħol elementari b'salarju annwali li jlaħħaq €10,644, u warajhom jiġu l-ħaddiema fil-kategorija tas-servizzi u tal-bejgħ b'salarju bażiku nett ta' €11,593 fis-sena, iżda dawk impjegati biex ibiegħu x'aktarx li jaqalgħu perċentwal bażat fuq il-bejgħ (MFSS & NSO, 2016).

Biex persuni fi gruppi vulnerabbli jkunu finanzjarjament kapaċi, jeħtieġu aċċess għal prodotti finanzjarji affordabbli, inkluż, bħala minimu, kont tat-tfaddil, kreditu żgħir u affordabbli, prodotti tal-assigurazzjoni sempliċi, u jekk possibbli, prodotti ta' tfaddil u ta' investiment bi spiża baxxa. Fil-biċċa l-kbira, strumenti tat-tfaddil finanzjarju affordabbli huma preżenti f'Malta.

Anness II juri r-riżultati tal-istudju tal-BĊM (BĊM, 2013) li sar referenza għalih qabel. L-edukazzjoni hija meħuda bħala indikatur ta' familji bi dħul baxx. Id-dħul ta' persuna b'livell ta' edukazzjoni inqas minn dak sekondarju huwa aktar baxx minn dak ta' persuni li għandhom edukazzjoni sekondarja u terzjarja. Il-ġid tal-familji għall-persuni b'livell ta' edukazzjoni inqas minn dak sekondarju huwa konsiderevolment aktar baxx minn dak ta' persuni li għandhom edukazzjoni sekondarja u terzjarja rispettivament bħalma hu t-total tal-assi finanzjarji tal-familja medja.

Is-sens komun jgħid li l-foqra ma jaqilgħux biżżejjed flus biex ifaddlu iżda r-riċerka turi li l-ipoteżi hi żbaljata. Familji fqar jistgħu u qegħdin jakkumulaw assi u jfaddlu matul iż-żmien (McKernan, S., Ratcliffe, C & Shanks, W, T., 2012). L-istudju tal-BĊM juri li n-nies b'livell ta' edukazzjoni inqas minn dik sekondarja ta'

kull sena jfaddlu jew jibqgħalhom €750 – inqas minn €3,000 u €4,088 li għandhom dawk b'edukazzjoni sekondarja u terzjarja rispettivament.

Stħarriġ ta' 834 persuna Maltija li jirċievu benefiċċji mhux kontributorji li sar mill-MFSS fl-2015 juri li 55.6%, ma għandhomx kontijiet ta' tfaddil. Mill-persuni li għandhom kontijiet tat-tfaddil, it-tfaddil medju kien ta' €1,184. Ir-raġunijiet għal dan huma varji. Gruppi vulnerabbli u bi dħul baxx jistgħu:

- Ikunu inqas inklinati li jinvestu fi pjanijiet ta' tfaddil u investimenti fit-tul għaliex jibżgħu li jitilfu l-flessibbiltà fuq l-assi limitati tagħhom.

- Minflok, iserrħu fuq tranżazzjonijiet ta' flus kontanti u l-flus imfaddlin id-dar għax jista' jkun li ma jkollhomx flus biżżejjed biex jitolbu depożiti perjodiċi fil-kont tat-tfaddil jew kurrenti anki jekk tali servizzi m'għandhom l-ebda spejjeż u d-depożiti jkunu minimi.

- Nuqqas ta' fiduċja fil-banek u s-servizzi finanzjarji.

Evidenza aneddotali minn kunsilliera tas-sigurtà soċjali tissuġġerixxi li koort konsiderevoli ta' persuni vulnerabbli li jagħmlu użu minn 'prodotti' alternattivi ta' finanzjament bħal self bil-quddiem fuq il-paga, self fuq it-titolu tal-karozza, l-użura, eċċ. Il-persuni l-ħin kollu jiffaċċjaw spejjeż li ma jkunux pjanati li jaqbżu l-baġit tal-ġimgħa. Spejjeż mhux pjanati jsiru emerġenzi żgħar għall-persuni li mhumiex protetti minn tfaddil (pereżempju, ħsarat fil-karozza jew f'xi apparat tal-kċina). Riċerka barra minn Malta turi li persuni bi dħul baxx jużaw karti ta' kreditu jew self informali biex iħallsu l-ispejjeż bażiċi għall-għajxien bħal kera jew ipoteka, l-ikel u l-utilitajiet (Traub and Ruetschlin, 2012).

Dan jidher li huwa l-każ f'Malta – il-piż medju tad-dejn tal-familja għal persuni li għandhom livell ta' edukazzjoni taħt il-livell sekondarju ta' edukazzjoni mhux dejn ipotekarju - €6,515. Dan jikkuntrasta ma' persuni li għandhom edukazzjoni sekondarja jew universitarja rispettivament – li minkejja li jkollhom livell ta' dejn mhux ipotekarju, id-dejn ewlieni huwa dak ipotekarju.

Persuni li jirċievu benefiċċji mhux kontributorji skont it-test tal-mezzi jħallsu penali talli jfaddlu minħabba li jistgħu jaqbżu l-livell limitu tal-assi tal-kapital li jiddetermina l-eliġibilità ta' tali benefiċċji. Tali limiti tal-assi tal-kapital fuq il-benefiċċji bbażati fuq il-mezzi tal-eliġibilità huma stabbiliti biex jiżguraw li jibbenefikaw biss dawk li verament qegħdin fil-bżonn. Madanakollu, tali limiti, joħolqu konsegwenzi negattivi mhux intenzjonati għall-benefiċjarji peress li joħolqu ostakolu għas-sigurtà finanzjarja u mobilità ekonomika 'l fuq.

### 02.3.2 L-Ewristika tal-Imġiba

Hekk kif l-awtoresponsabbiltà tiżdied, b'mod partikolari fl-ippjanar tal-irtirar, huwa ċar li hemm il-ħtieġa biex jitjiebu l-livelli ta' kapaċità finanzjarja: in-nies iridu jkunu jafu kemm u meta wieħed għandu jinvesti u/jew ifaddal sabiex dawn ikunu f'pożizzjoni li jilħqu l-kwalità tal-ħajja li jixtiequ fl-irtirar. Dawn jeħtieġ li jkunu involuti fis-swieq finanzjarji biex jibnu l-assi tal-familji tagħhom u għall-ġestjoni ta' dak il-ġid matul ċikli differenti tal-vjaġġ tal-ħajja tagħhom. Mhux it-tfaddil kollu hu tfaddil intiż għall-irtirar. It-tfaddil huwa dirett ukoll lejn it-titjib gradwali tal-istil ta' ħajja – tfaddil fuq terminu qasir għal btajjel, bidliet ta' tagħmir tad-dar, tfaddil fuq perjodu ta' żmien itwal għal, pereżempju, l-edukazzjoni tat-tfal u ż-żwieġ, jew id-depożitu fuq karozza ġdida.

It-teorija ekonomika tradizzjonali ssostni li n-nies jaġixxu b'mod razzjonali: jissellfu meta jkunu żgħażagħ, ifaddlu fl-età medja u jakkumulaw il-ġid, u jonfqu t-tfaddil tagħhom fix-xjuħija. Madanakollu, dan mhuwiex il-każ. In-nies ma jġibux ruħhom b'mod razzjonali meta jiġu biex jippjanaw fit-tul. Tabilħaqq, in-nies jonqsu f'dak li għandu x'jaqsam tfaddil għall-irtirar. In-nies jieħdu it-triq 'tal-anqas reżistenza', jagħmlu dak li jiġihom l-aktar faċli u dak li jiġri awtomatikament. Għall-adolexxenti u l-adulti

żgħażagħ li għalihom l-irtirar jidher 'il bogħod, il-ġestjoni ta' kwistjonijiet immedjati ta' flus – kemm jekk tkun persuna li qed tixtri l-ewwel karozza, ta' koppja żagħżugħa li qed tiddeċiedi dwar l-edukazzjoni ta' wliedha, jew ta' koppja ta' età medja li jkollha tieħu ħsieb il-manutenzjoni u r-rinnovazzjoni tad-dar – tieħu preċedenza.

Filwaqt li huwa diffiċli li wieħed ibassar l-aġir, l-evidenza turi li n-nies jieħdu deċiżjonijiet abbażi ta' informazzjoni mhux affidabbli, jisfaw vittmi ta' inganni u reklamar aggressiv, isibu rwieħhom f'diffikultà meta jkollhom diversi għażliet ippreżentati lilhom. Min-naħa l-oħra, l-evidenza turi li hemm ċans akbar li n-nies ifaddlu meta jkunu parti minn pjan ta' pensjoni tal-post tax-xogħol ibbażat fuq reġistrazzjoni awtomatika (l-ewristika tal-imġiba tal-inerzja tinqaleb hekk kif l-individwu jkollu jiddeċiedi u jieħu azzjoni fuq *opt-out* kontra deċiżjoni u azzjoni fuq *opt-in*) aktar milli jidħlu fi pjan ta' pensjoni privata anki jekk din tal-aħħar ikollha inċentiv ta' taxxa. Barra minn hekk, il-ħtieġa ta' persuni biex jippjanaw għall-irtirar huwa kontrobilanċjat mill-ħtieġa li wieħed jippjana għall-immedjat u l-futur fi żmien medju u avvenimenti taċ-ċiklu tal-ħajja mhux mistennija.

It-titjib tal-kapaċità finanzjarja, għalhekk, iwassal għal inklużjoni ekonomika, soċjali u finanzjarja akbar u huwa fundamentali biex ikunu evitati kriżijiet finanzjarji futuri tal-familja. Il-kapaċità finanzjarja tagħti l-possibiltà lill-individwi biex jieħdu deċiżjonijiet aħjar abbażi ta' informazzjoni għal perjodu qasir, medju u fit-tul tal-benesseri finanzjarju tagħhom f'ambjent tas-suq finanzjarju dejjem aktar kumpless.

### 02.3.3 L-Importanza tal-Fehim ta' Prodott Finanzjarju u l-Għarfien tad-Drittijiet tal-Konsumatur

Id-deċiżjonijiet tas-servizzi finanzjarji jeħtieġu l-fiduċja, ħiliet fil-kalkoli, ħeġġa, u l-kapaċità li wieħed jagħraf il-prodotti diversi u ħafna drabi kumplessi. Anke għal dawk li jikbru josservaw u jitgħallmu jużaw il-prodotti finanzjarji regolari, dawn il-prodotti ta' spiss joħolqu konfużjoni u diffikultà biex jintużaw. Għal dawk li għandhom esperjenza mill-inqas, dawn jistgħu jkunu iebsin – irrispettivament mil-livell ta' edukazzjoni jew dħul. Hemm wisq għażliet ta' prodotti finanzjarji. Meta ffaċċjati b'wisq għażla, in-nies x'aktarx jieħdu deċiżjonijiet żbaljati jew ma jieħdu l-ebda deċiżjoni: ma jixtrux prodott jew jibqgħu jużaw dak li diġà għandhom. Il-kawżi li taw bidu għall-kriżi finanzjarja tal-2008 huma bosta, iżda m'hemmx dubju li l-individwi u l-istituzzjonijiet finanzjarji ma fehmux ir-riskji li ħadu meta investew/faddlu fis-suq finanzjarju.

Ġenerazzjonijiet iżgħar jiffaċċjaw riskji akbar minħabba li huma qed iħabbtu wiċċhom ma' aktar prodotti finanzjarji sofistikati mill-ġenerazzjonijiet preċedenti. Jiksbu aċċess għal servizzi u prodotti finanzjarji f'età dejjem iżgħar. Dawn l-iżviluppi, madanakollu, ma jidhirx li qed ikunu riflessi fiż-żieda ekwivalenti fil-kompetenzi finanzjarji tagħhom.

Il-mod kif il-fornituri tas-servizzi finanzjarji jippreżentaw l-għażliet ta' investiment iservu ta' ostaklu għat-tfaddil jew jistgħu jirriżultaw f'li persuna tagħmel deċiżjonijiet ta' investiment żbaljati. L-operaturi tas-swieq finanzjarji jagħmlu użu estensiv ta' kliem tekniku, u abbozzi ta' dokumenti b'mod legali. Ir-rekwiżiti tal-iżvelar huma b''tipa żgħira' li jista' jkollhom ammont sostanzjali ta' paġni. Ħafna drabi dawn ma jkunux komprensibbli għall-konsumatur medju. Iffaċċjata b'informazzjoni li diffiċli tifhem, persuna medja x'aktarx li tkun skoraġġuta milli tinvesti fi prodotti finanzjarji li jistgħu jkunu utli għaliha.

Ir-riżultat huwa li ċerti tipi ta' prodotti finanzjarji, kemm jekk ikunu għall-investiment, għat-tfaddil jew l-irtirar, jagħmluhom jidhru aktar ikkumplikati milli fil-fatt ikunu. B'konsegwenza ta' hekk, in-nies jistgħu ma jifhmux il-karatteristiċi importanti tal-prodott, bħal spejjeż u riskji.

Il-prodotti ta' spiss ikunu kkumerċjalizzati b'mod aggressiv. Ir-reklami għandhom tendenza li jużaw *slogans* qarrieqa bħal 'redditu assolut', 'garantit/a', u 'tkabbir iħħeġġjat', jew jirreklamaw redditi ferm ogħla mir-redditi tal-kont ta' depożitu disponibbli fil-banek. Dawn il-wegħdiet ewlenin sikwit jirriżultaw li jkunu qarrieqa, jew ifissru xi ħaġa differenti minn dak li wieħed ikun seta' fehem.

Fil-kuntest lokali, l-MFSA tiddikjara li kienu investigati 'ammont allarmanti ta' każijiet ta' bejgħ inadatt' mill-unità tiegħu tal-ilmenti tal-konsumatur matul dawn l-aħħar snin. Dan jissottolinja li huwa inkwetanti li għadd ta' entitajiet finanzjarji, u wħud mill-impjegati tagħhom, injoraw kompletament 'l-essenza stess tar-reġim regolatorju: l-obbligu li jaġixxu fl-aqwa interessi tal-klijenti'. In-numru ta' każijiet lokali dwar bejgħ inadatt jew operaturi ta' servizzi finanzjarji li qed ifallu b'impatt fuq l-investituri qed jiżdied sena wara l-oħra.

L-għarfien tad-drittijiet tal-konsumatur u tar-regolamenti huwa ta' importanza kbira peress li jħares lill-investituri minn prodotti finanzjarji mhux sikuri jew operaturi bla etika.

# Miżuri Strateġiċi

Kapitlu 03

03.1 Viżjoni għat-Titjib tal-Irtirar u l-Kapaċità Finanzjarja taċ-Ċittadini Maltin

Il-viżjoni għall-Istrateġija tal-Irtirar u l-Kapaċità Finanzjarja hija:

"Intejbu l-kapaċità finanzjarja personali taċ-ċittadini Maltin matul l-avvenimenti tal-ħajja u l-irtirar billi nagħmluhielhom possibbli li jieħdu deċiżjonijiet finanzjarji infurmati aħjar li jikkorrispondu maċ-ċirkostanzi individwali tagħhom".

## Azzjoni 03

Il-viżjoni hi dik li ***"Intejbu l-kapaċità finanzjarja personali taċ-ċittadini Maltin matul l-avvenimenti tal-ħajja u tal-irtirar billi nagħmluhielhom possibbli li jieħdu deċiżjonijiet finanzjarji infurmati aħjar li jikkorrispondu maċ-ċirkostanzi individwali tagħhom".***

03.2 L-Oqsma ta' Għarfien u l-Ħiliet Ewlenin għaċ-Ċittadin Malti biex ikun Finanzjarjament Kapaċi

Biex ikunu finanzjarjament kapaċi, in-nies jeħtieġu l-għarfien u l-ħiliet biex jimmaniġġjaw il-finanzi personali u tal-familja. Bl-affarijiet l-oħra kollha ugwali, il-persuni li jkollhom għarfien u fehim akbar dwar il-finanzi u jkollhom ħiliet fil-ġestjoni tal-finanzi għandhom probabbiltà li jagħmlu deċiżjonijiet finanzjarji tajbin (Sherraden, 2010). It-tabella ta' hawn taħt tiddefinixxi l-oqsma ta' għarfien li din l-Istrateġija tidentifika bħala neċessarji għaċ-ċittadini Maltin biex ikunu finanzjarjament kapaċi.

**Tabella 05: L-Għarfien u l-Oqsma ta' Ħiliet li ċ-Ċittadini Maltin għandu jkollhom biex ikunu Finanzjarjament Kapaċi**

| | |
|---|---|
| **Ġestjoni tad-Dejn** | Dan jirrelata kemm mal-persuni li għandhom problemi ta' dejn u kemm ma' dawk li għandhom dejn [konsum (karozza ġdida), negozju, jew self fuq id-dar]. Il-persuni jistgħu jiffaċċjaw problemi ta' dejn, kemm minħabba li ma jkunux jistgħu jibbilanċjaw l-ispejjeż fuq oġġetti domestiċi bażiċi bl-introjtu li jaqalgħu u kemm minħabba li jsibu ruħhom qiegħda bla mistenni jew għax in-negozju tagħhom jinsab f'diffikultà minħabba l-kundizzjonijiet ekonomiċi negattivi. Persuna li tkun kapaċi finanzjarjament tkun f'pożizzjoni li timmaniġġja d-dejn tagħha, tfittex parir bankarju meta tiffaċċja kwistjonijiet, u tħossha kapaċi taġġusta l-infiq tagħha fuq il-bażi ta' pjan ta' ħlas lura tad-dejn, u tissodisfa l-obbligi ta' tali pjan. |
| **Ġestjoni tal-Baġit ta' Kuljum** | Dan jinkludi li wieħed jissettja u jżomm ma' baġit, iżomm rekord tad-dħul u l-infiq, jipprijoritizza dak li huwa essenzjali għall-familja, li jagħmel riċerka għall-aħjar offerti u b'hekk jimmassimizza d-dħul, iħallas il-kontijiet b'mod sħiħ u fil-ħin, eċċ. |
| **Ħolqien ta' Xibka ta' Sikurezza** | Dan jinkludi l-ħolqien ta' lqugħ ta' tfaddil għal dawk iċ-ċirkustanzi li jinqalgħu bla mistenni, tfaddil għal spejjeż pjanati fiż-żmien qasir jew medju, u bit-teħid ta' assigurazzjoni xierqa. |

| | |
|---|---|
| **Pjanijiet għall-Ġejjieni** | Dan jinkludi t-tfaddil għal miri aktar fit-tul u għall-ħolqien ta' mezzi ta' sikurezza għall-irtirar li jippermetti lill-persuni biex jimlew il-vojt bejn id-dħul ta' matul l-impjieg u l-introjtu tal-pensjoni u b'hekk itejbu l-kwalità ta' ħajja matul l-irtirar. |
| **Fehim tal-Punti tax-Xenarju Finanzjarju** | Persuna għandu jkollha biżżejjed għarfien dwar ir-riskji tal-investiment ta' prodotti finanzjarji differenti u l-kapaċità li tagħraf id-differenza bejn prodotti bażiċi u kumplessi, tifhem l-importanza ta' rati komposti, l-inflazzjoni, interessi tal-karti ta' kreditu, eċċ. |
| **Fehim tad-Drittijiet Bażiċi tal-Konsumatur** | Dan jinkludi li l-persuni li jkunu jafu d-drittijiet bażiċi tagħhom bħala konsumaturi – x'jikkostitwixxi bejgħ inadatt, ir-regoli bażiċi li għandhom isegwu l-fornituri, fejn jistgħu jfittxu parir, kif iressqu lment, eċċ. |

Din l-Istrateġija, għalhekk, tissottolinja li l-kapaċità finanzjarja hija ħila essenzjali tal-ħajja għall-ġenerazzjonijiet attwali u tal-ġejjieni.

## Azzjoni 04

Il-kapaċità finanzjarja hija ħila tal-ħajja essenzjali għall-ġenerazzjonijiet attwali u tal-ġejjieni. L-Istrateġija tistabbilixxi rotot li jiggwidaw liċ-ċittadini Maltin jakkwistaw il-ħila finanzjarja meħtieġa f'dawn l-oqsma li ġejjin:

Ġestjoni tad-dejn.
Ġestjoni tal-baġit ta' kuljum.
Ħolqien ta' xibka ta' sikurezza.
Pjanijiet għall-ġejjieni.
Fehim tal-punti tax-xenarju finanzjarju.
Fehim tad-drittijiet bażiċi tal-konsumatur.

### 03.3 It-Twaqqif ta' Qafas ta' Reviżjoni għall-Irtirar u l-Kapaċità Finanzjarja

L-Istrateġija tkopri l-perjodu 2017-2019 imma mhux ser tkun minquxa fil-blat. Ser tkun sorveljata kull sena u kkalibrata f'sinkronija maċ-ċirkostanzi li jinbidlu biex tkun żgurata implimentazzjoni b'suċċess. Sussegwentement, l-Istrateġija għandha tkun riveduta kull tliet snin.

## Azzjoni 05

L-Istrateġija tkopri l-perjodu 2017-2019 u ser tkun sorveljata kull sena sabiex tkun kalibrata biex tirrifletti ċirkostanzi li jinbidlu. L-istrateġija ser tkun riveduta kull tliet snin, bl-ewwel reviżjoni li ser issir fl-2019.

03.5 Rappurtar Pubbliku fuq ir-Riżultati u l-Eżiti tal-Istrateġija

Il-GIKF ser jistabilixxi numru ta' indikaturi ta' prestazzjoni, introdotti gradwalment maż-żmien, biex ikun f'pożizzjoni li jimmoniterja l-effettività tal-azzjonijiet tal-politika tiegħu, jidentifika t-tagħlim miksub u jqis l-azzjonijiet tiegħu skont il-bżonn. Fi żmien erba' ġimgħat mill-bidu ta' sena ġdida, il-GIFK ser jissottometti rapport annwali dwar il-prestazzjoni tiegħu lill-Kamra tar-Rappreżentanti u lill-Kumitat tal-Affarijiet Soċjali tagħha.

## Azzjoni 06

Ser ikunu introdotti indikaturi tal-prestazzjoni biex tkun evalwata l-effettività tal-Istrateġija u wara erba' ġimgħat mill-bidu ta' sena ġdida ser ikun preżentat rapport fuq l-implimentazzjoni tal-Istrateġija lill-Kamra tar-Rappreżentanti u lill-Kumitat tal-Affarijiet Soċjali tagħha.

03.5 Elementi Strateġiċi

L-elementi strateġiċi diskussi hawn taħt jikkostitwixxu l-qalba tal-Istrateġija.

**(a) L-Użu ta' Rotot Edukattivi li Jxerrdu l-Għarfien dwar id-Dħul mill-Irtirar u l-Kapaċità Finanzjarja**

Ir-rakkomandazzjonijiet ippreżentati fl-abbozz ta' Strateġija Nazzjonali taħt Punt Prinċipali 1 – 'L-Użu ta' Rotot Edukattivi biex jiġi Promulgat Għarfien dwar id-Dħul mill-Irtirar u l-Kapaċità Finanzjarja', se jinbdew fil-parti l-kbira tagħhom matul it-terminu tal-Istrateġija.

## Azzjoni 07

Ir-rakkomandazzjonijiet ippreżentati fl-abbozz ta' Strateġija Nazzjonali taħt Punt Prinċipali 1 bit-titlu ***'L-Użu ta' Rotot Edukattivi biex jiġi Promulgat Għarfien dwar id-Dħul mill-Irtirar u l-Kapaċità Finanzjarja'*** - ser ikunu implimentati:

**2017**

01.Jibda l-abbozzar tal-Qafas tal-Irtirar u l-Kapaċità Finanzjarja u jingħaqad mal-Qafas tar-Riżultati tat-Tagħlim (QRT) tal-Kurrikulu Nazzjonali.

02.Jibda x-xogħol fuq il-*portal* tar-riżorsi tat-tagħlim.

03.Ħidma mal-edukazzjoni obbligatorja biex ikun stabbilit kif jista' jiġi stabbilit il-Qafas tal-Kapaċità Finanzjarja u tal-Irtirar fil-Livelli 8, 9 u 10; u ħidma mal-partijiet interessati fl-edukazzjoni għolja u avvanzata biex jinħolqu rotot ta' għarfien fuq l-irtirar u l-kapaċità finanzjarja.

04.Ħidma ma' dawk il-partijiet interessati biex jiffurmaw portafoll tal-ludifikazzjoni.

05.Ħidma mal-komunitajiet lokali, *unions*, min iħaddem u NGOs biex jitfasslu u jitwettqu programmi edukattivi finanzjarji li jkopru l-istadji taċ-ċikli differenti tal-ħajja.

06.Diskussjoni mal-partijiet interessati dwar jekk Malta għandhiex tipparteċipa fl-istħarriġ PISA tal-2018 u jekk iva tinbeda ħidma xierqa.

**2018**

Jibqa' għaddej ix-xogħol fuq l-inizjattivi 1 sa 6 li nbdew fl-2017.

**2019**

Jibqa' għaddej ix-xogħol fuq l-inizjattivi 1 sa 6 li nbdew fl-2017.

**(b) Għarfien Indipendenti u Affidabbli, Edukazzjoni u Informazzjoni għall-Bini u r-Rinfurzar tal-Kapaċità Finanzjarja u tal-Irtirar għas-Soċjetà Maltija.**

Wieħed ma jistax jadotta soluzzjoni waħda għal kollox biex jibni u jsaħħaħ il-kapaċità finanzjarja u tal-irtirar. Il-popolazzjoni Maltija għandha tkun segmentata, u mmirata b'mod speċjali permezz ta' strateġiji tal-għarfien, l-edukazzjoni u l-informazzjoni. It-taħlita ta' mezzi u għodod applikati għandhom ikunu mfasslin għal kull grupp speċifiku fil-mira.

Iż-żgħażagħ għandhom rabta mill-qrib mas-sistemi diġitali, kollha għandhom aċċess għall-internet u ħafna għandhom *smartphone*. Id-dħul mill-irtirar u l-istrateġiji ta' komunikazzjoni tal-kapaċità finanzjarja għaż-żgħażagħ għandha tkun pożizzjonata biex tipprovdihom b'aċċess ta' malajr għall-informazzjoni u livell għoli ta' interazzjoni. Dan ifisser li strateġiji bħal dawn għandhom jiġu sostnuti permezz ta' *apps* tal-*mobile*, l-internet, *pop-ups*, *podcasts*, ludifikazzjoni diġitali u jkunu sostnuti permezz ta' miżuri tradizzjonali bħal *posters* fl-iskejjel, eċċ.

Min-naħa l-oħra, persuni anzjani huma inqas probabbli li jkollhom kompetenza diġitali. Jiffavorixxu l-interazzjoni 'wiċċ imb wiċċ' u l-użu ta' materjal li jistgħu jirreferu għalih. L-istrateġiji ta' komunikazzjoni tal-għarfien, l-edukazzjoni u t-tagħrif għall-irtirar u tal-kapaċità finanzjarja għal persuni anzjani, għalhekk, x'aktarx li jkollhom aktar suċċess jekk ikunu magħmulin minn sors affidabbli, jipprovdu informazzjoni f'ambjent ta' appoġġ u ta' fehim, u ppreżentati b'mod sempliċi (MINCO, 2007).

L-Istrateġija tirrakkomanda li l-għarfien imfassal u mmirat b'mod speċifiku, l-istrateġiji ta' komunikazzjoni, informazzjoni u edukazzjoni għall-irtirar u l-kapaċità finanzjarja għandhom ikunu pprovduti għall-koorti tal-popolazzjoni diskussi hawn taħt.

(i) L-Adoloxxenti (minn 13 sa 19-il sena)

L-edukazzjoni finanzjarja tkun mgħallma lil kull student sekondarju matul l-edukazzjoni obbligatorja sal-livell 7. Bejn il-livell 8 u l-livell 10 tkun mgħallma biss lil dawk l-studenti li jitgħallmu l-ekonomija domestika, l-affarijiet tal-konsumatur u suġġetti relatati mal-kummerċ. L-istudenti li jagħżlu rotot ta' studju differenti bħax-xjenza u l-matematika ma jiġux esposti għal litteriżmu finanzjarju lil hinn mil-livell 7. M'hemm l-ebda rabta dwar il-litteriżmu finanzjarju bejn l-edukazzjoni obbligatorja u l-edukazzjoni għolja, u bejn l-edukazzjoni għolja u l-edukazzjoni terzjarja. Għal darb'oħra, it-tixrid tat-tagħlim qed jiġi limitat għall-istudenti li jsegwu studji dwar il-kummerċ u n-nutrizzjoni, il-familja u l-konsumatur.

Skont l-aħħar stħarriġ demografiku, 6.04% tal-popolazzjoni Maltija għandha bejn 15 u 19-il sena – (24,926 adoloxxenti li 11,941 huma tfajliet). Huwa fl-edukazzjoni għolja u avvanzata li ż-żgħażagħ jibdew jieħdu d-deċiżjonijiet finanzjarji waħedhom, inkluż dawk fuq l-akkomodazzjoni (pereżempju studenti Għawdxin li jsegwu edukazzjoni għolja u avvanzata f'Malta), infiq diskrezzjonali, servizzi bankarji, u l-użu ta' karta ta' kreditu.

Barra minn hekk, l-aħħar tal-adoloxxenza huwa żmien ta' tibdil kbir għal ħafna żgħażagħ. Hekk kif l-istudenti jħallu l-edukazzjoni postsekondarja u jagħmlu t-tranżizzjoni għall-post tax-xogħol, jiffaċċjaw għall-ewwel darba deċiżjonijiet kritiċi fuq l-impjieg, l-infiq, tfaddil fit-tul, ġestjoni ta' spejjeż kurrenti eċċ. Deċiżjonijiet li dwarhom hemm għanijiet għall-prijorità (teħid ta' self għax-xiri ta' kompjuter jew karozza, tfaddil għall-emerġenzi jew vjaġġar, parteċipazzjoni fi pjan tat-tfaddil eċċ.) għandhom implikazzjonijiet importanti fit-trajettorja finanzjarja ta' żagħżugħ.

L-għadd u l-kumplessità ta' dawn id-deċiżjonijiet li ż-żgħażagħ iħabbtu wiċċhom magħhom illum jipprovdu 'mument ta' tagħlim' importanti biex tkun introdotta, idealment tissaħħaħ, il-kapaċità finanzjarja ta' żgħażagħ billi jiġu mgħotija l-informazzjoni, ir-riżorsi u l-għodod meħtieġa biex jagħmlu deċiżjonijiet finanzjarji sodi qabel, matul u wara li jattendu l-edukazzjoni postsekondarja. L-użu akbar ta' karti ta' kreditu mill-istudenti, pereżempju, joħloq tħassib dwar dejn tal-karti ta' kreditu li l-istudenti jistgħu jakkumulaw u b'hekk ikunu f'riskju finanzjarju ikbar meta jiggradwaw. Dejn ta' dan it-tip iżid l-istress u l-ansjetà, li minnaħa tagħhom iħallu effett fuq il-prestazzjoni akkademika u, potenzjalment, tal-benesseri finanzjarju fit-tul. Ir-riċerka barra minn Malta tissuġġerixxi li l-kapaċità finanzjarja u r-riżultati akkademiċi pożittivi ta' spiss huma korrelatati: l-istudenti li juru mġiba finanzjarja pożittiva, ikollhom prestazzjoni akkademika aħjar (Kummissjoni għall-Edukazzjoni u l-Litteriżmu Finanzjarju, 2015).

Prattikament iż-żgħażagħ u l-adulti żgħażagħ kollha ta' età bejn is-16 u l-24 sena jużaw il-kompjuter u l-internet rispettivament. 'Il fuq minn 150,000 persuna kellhom *smartphone* fl-2016 bi 80% minnhom b'aċċess għall-internet. Malta hija soċjetà ddominata mit-teknoloġija u, għaldaqstant, huwa raġonevoli li wieħed jassumi li l-ġenerazzjoni żagħżugħa hija ferm aktar midħla tal-i*smartphones* u tal-ICT mill-ġenerazzjonijiet ta' qabel, u tagħmel użu akbar ta' *tablets*, *smartphones* u *iPads* biex taċċessa l-internet.

(ii) L-Adulti

Il-popolazzjoni adulta hija kkategorizzata f'għadd ta' koorti speċifiċi tal-popolazzjoni. Dawn huma diskussi hawn taħt.

**(01) Adulti Żgħażagħ (bejn 20 u 34 sena)**

Dan huwa grupp diversifikat li jesperjenza avvenimenti tal-ħajja differenti. Ħafna persuni bejn l-20 u l-25 sena se jesperjenzaw l-indipendenza finanzjarja għall-ewwel darba. Dan huwa wkoll iż-żmien meta l-adulti żgħażagħ jistabilixxu l-għanijiet tal-ħajja. Ħafna jaħsbu dwar l-ivjaġġar, jiċċaqalqu mid-dar, jagħżlu l-ewwel impjieg tagħhom, jixtru vettura, eċċ. Adulti żgħażagħ fil-grupp tal-età ta' bejn is-26 u l-34 sena ser jieħdu deċiżjonijiet biex jissetiljaw, jixtru dar, irabbu familja eċċ. Xi wħud jistgħu jaraw ir-relazzjoni tisfaxxa u jieħdu d-divorzju jew jisseparaw. Dawn jippreżentaw sfidi differenti. Jista' jkun li dan l-avveniment taċ-ċiklu tal-ħajja huwa wieħed miċ-ċikli prinċipali tal-ħajja tal-adulti żgħażagħ. Dan għaliex huwa f'dan iċ-ċiklu li probabbilment jonfqu ħafna iktar milli jfaddlu — fuq l-ipoteka, l-edukazzjoni ta' wliedhom, dwar il-ħtiġijiet tal-konsum għalihom infushom u għat-tfal tagħhom. Dan jirriżulta f'kompromessi bejn ġestjoni tal-flus għal ħtiġijiet immedjati u tfaddil għall-perjodu medju biex ikun hemm ilqugħ għal dak li jista' jinqala' u tfaddil għall-irtirar.

Iż-żewġ gruppi ta' etajiet jiffaċċjaw l-ewristika limitanti tal-imġiba diskussa aktar qabel — li xxekkel kemm ikunu lesti li jfaddlu għall-futur. L-impatt maġġuri fuq it-tkabbir tal-ġid finanzjarju huwa 'il-kapitalizzazzjoni'. Ammonti żgħar ta' tfaddil li jkunu saru fil-bidu taż-żgħożija jiżdiedu b'mod konsiderevoli fuq medda twila ta' żmien. L-impenn lejn l-għarfien li jbiddel l-imġiba, l-edukazzjoni u l-kampanji ta' informazzjoni huma meħtieġa sabiex jiggwidaw liż-żgħażagħ jippjanaw fit-tul u jaġixxu kif xieraq.

L-użu tal-komjuter u tal-internet fost l-adulti żgħażagħ huwa estremament għoli bi kważi 95%, bl-użu jkun marbut ma' qari *online*, informazzjoni fuq prodotti u servizzi; u s-smigħ ta' radju fuq il-web. L-adulti żgħażagħ fl-etajiet ta' bejn l-20 u l-34 sena jikkostitwixxu 15.82% tal-popolazzjoni Maltija – total ta' 67,219 li 48.27% minnhom (32,295) huma tfajliet. Ir-riċerka turi li l-Ġenerazzjoni Y, imwielda bejn l-1980 u l-1999, għandha rispons aħjar għall-kliem ta' azzjoni bħal *dynamic*, *progressive*, *friendly* u *new*. Messaġġi ta' edukazzjoni mmirati lejn adulti żgħażagħ għandhom ikunu mgħoddija b'mod interessanti u jkunu rilevanti għall-istili ta' ħajja tagħhom. Il-messaġġ ewlieni ta' komunikazzjoni huwa li jintwerew il-vantaġġi ta' tfaddil sa minn kmieni, għall-irtirar. Ir-rivisti huma wkoll għodda effettivi biex ixerrdu u jedukaw iż-żgħażagħ adulti dwar id-dħul mill-irtirar u l-kapaċità finanzjarja.

**(02) Adulti Żgħażagħ Nisa (bejn 20 u 34 sena)**

Il-messaġġi ta' komunikazzjoni lejn żgħażagħ adulti, għal raġunijiet ta' għarfien, edukazzjoni jew informazzjoni, għandhom ikunu adattati għall-pubbliku femminili. Dan għal numru ta' raġunijiet. L-ewwel nett, l-impatti tal-pensjoni tas-sigurtà soċjali tolqot lin-nisa b'mod differenti minn kif tolqot lill-irġiel għaliex in-nisa:

- Għandhom mudelli ta' xogħol interrotti peress li jieqfu għal xi żmien mix-xogħol biex irabbu familja jew jieħdu ħsieb il-ġenituri anzjani jew qraba b'mod informali.

- Mhux bilfors jerġgħu jidħlu fis-suq tax-xogħol fuq bażi *full-time*, iżda jagħmlu dan b'sigħat imnaqqsa jew *part-time* sabiex ikunu jistgħu jibbilanċjaw il-karriera mar-responsabbiltajiet tal-familja.

Hi x'inhi r-raġuni, perjodu iqsar ta' kontribuzzjoni jew ammont ta' ħlasijiet baxxi tas-sigurtà soċjali jirriżulta f'li n-nisa jirċievu dħul tal-pensjoni tas-sigurtà soċjali aktar baxx meta mqabbel ma' kontroparti maskili.

It-tieni nett, f'ħafna familji, il-mara hija dik li timmaniġġja d-dar – il-persuna li tippjana u timmaniġġja l-baġit tal-familja ta' kull xahar. L-assistenza mogħtija lin-nisa biex ikollhom dawk il-ħiliet ta' ġestjoni ta' flus, baġitjar, pjanar, prijoritizzazzjoni, eċċ. se ssaħħaħ il-kapaċitajiet ta' ġestjoni tal-baġit domestiku tagħhom.

**(03) Adulti (minn 35 sena sa qabel l-irtirar)**

Kif ġie diskuss f'dan id-dokument, il-kapaċità tal-familji għat-tfaddil tiżdied ladarba l-ispejjeż strutturati bħall-edukazzjoni u l-ipoteka jkunu tħallsu. L-istrateġiji ta' komunikazzjoni tal-għarfien, l-edukazzjoni, u l-informazzjonii b'mod partikolari fir-rigward tat-tfaddil għall-irtirar jikkostitwixxu messaġġ essenzjali għal dan il-grupp.

Il-messaġġi ta' komunikazzjoni għandhom juru li l-investimenti tat-tfaddil li jsiru fl-età ta' 40 sena jew wara jistgħu jagħmlu d-differenza fil-kwalità tal-ħajja tal-irtirar meta jiżdiedu mad-dħul mill-pensjoni tas-sigurtà soċjali. Il-valur ta' tali investiment, kif diskuss aktar kmieni, ser jiżdied b'riżultat tal-interess kompost.

**(04) Adulti Nisa (minn 35 sena sa qabel l-irtirar)**

Għal darba oħra, il-messaġġi ta' komunikazzjoni għall-adulti jridu jitfasslu apposta biex jieħdu lin-nisa inkonsiderazzjoni. In-nisa li ħarġu mis-suq tax-xogħol malli kellhom l-ewwel tarbija u qatt ma marru lura fl-impjieg jista' jkun li qatt ma jkunu ser jirċievu pensjoni tas-sigurtà soċjali jekk ma jkunux ħallsu l-minimu ta' kontribuzzjonijiet għal 12-il sena.

Barra minn hekk, mara li taħdem *part-time* waqt li tkun qed trabbi familja tista' tiddeċiedi biex tibda taħdem *full-time* mill-ġdid ladarba t-tfal ikunu laħqu ċerta età, u b'hekk ikollha kontribuzzjoni b'paga ogħla minn dik li titħallas fuq id-dħul tal-*part-time*. Dan jippermettilha li ttejjeb id-dħul mill-pensjoni tas-sigurtà soċjali.

Krediti relatati mat-trobbija tat-tfal u l-edukazzjoni formali jiddaħħlu fis-sistema tal-pensjonijiet biex jikkompensaw għall-interruzzjonijiet fl-istorja tal-impjieg kontributorju. Huwa importanti li n-nisa jkunu jafu fuq dawn il-krediti, kif jaħdmu u kif jissarrfu fid-dħul tal-pensjoni meta jkunu magħduda mal-kontribuzzjonijiet imħallsa.

### (05) Persuni li Jaħdmu Għal Rashom

L-esperjenza turi li l-persuni li jaħdmu għal rashom għandhom it-tendenza li jiddikjaraw anqas mid-dħul tagħhom sabiex inaqqsu l-ispejjeż tas-sigurtà soċjali, li huma jqisuha bħala taxxa, mingħajr ma jirrealizzaw l-impatt li dan jista' jkollu fuq il-pensjoni tas-sigurtà soċjali.

Il-messaġġ ewlieni ta' komunikazzjoni għal dan il-grupp ta' persuni huwa li jingħatalhom l-għarfien li l-kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali mhijiex taxxa u li qligħ fuq żmien qasir matul il-perjodu tal-impjieg b'riżultat tan-nuqqas ta' ħlas tal-kontribuzzjoni jista' jħalli lilhom u lill-konjuġi tagħhom fil-faqar matul l-irtirar - partikolarment jekk ma jkunux ipprovdew għal mezz ta' dħul alternattiv lil hinn mill-pensjoni tas-sigurtà soċjali għal waqt l-irtirar.

### (06) Adulti (u familji) f'Impjieg bi Dħul Baxx jew fi Stat ta' Privazzjoni

Il-persuni f'impjieg bi dħul baxx jew fi stat ta' privazzjoni x'aktarx ikollhom livell baxx ta' irtirar u kapaċità finanzjarja li jirriżultaw f'garanziji mill-iżgħar f'każijiet ta' emerġenza. It-tfaddil għall-irtirar ma jingħatax kunsiderazzjoni.

In-numru ta' persuni impjegati f'postijiet tax-xogħol elementari huwa ta' 13,228, fl-operat ta' impjanti u makkinarji 10,761, f'xogħol ta' sengħa u xogħol ieħor relatat 11,768 u fil-bejgħ u l-assistenza tal-bejgħ 31,710 – (NSO, 2016).

Il-messaġġi ewlenin ta' din il-komunikazzjoni ma' dan il-grupp huwa li titnissel il-kapaċità finanzjarja f'termini ta' ġestjoni ta' flus, baġitjar u prijoritizzazzjoni, il-ġestjoni ta' kontijiet tal-ħlas, il-ġestjoni tad-dejn, maniġġjar ta' karti ta' kreditu, il-ħolqien ta' riserva għall-emerġenza u tfaddil ta' flus għal perjodu fit-tul.

### (07) Adulti Impjegati u ma Għandhomx il-Kontribuzzjoni tas-Sigurtà Soċjali Mħallsa

Huwa magħruf li hemm persuni fl-impjieg iżda, flimkien ma' min iħaddimhom, ma jħallsux il-kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali ta' kull ġimgħa. Eżempju partikolari jirrelata ma' ħaddiema tal-familja impenjati f'xogħol għal rashom — kartoleriji, ħwienet tal-laħam, eċċ., jew jipprovdu sapport amministrattiv. Data aneddottali tissuġġerixxi li numru ta' persuni bħal dawn jew ma jħallsux, jew min iħaddimhom ma jħallasx, il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali. Sitwazzjonijiet oħra għandhom it-tendenza li jkunu r-riżultat każwali kif ukoll xogħol 'permanenti' fl-ekonomija moħbija — kostruzzjoni, għajnuna fid-dar, tindif domestiku, *waiters*, eċċ. F'kull eżempju mogħti, il-ħaddiema, jew il-konjuġi tagħhom, jistgħu jiffaċċjaw il-faqar waqt l-irtirar peress li ma jkunux ħallsu l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali meħtieġa biex jikkwalifikaw għal pensjoni sħiħa.

Il-messaġġ ta' komunikazzjoni ewlieni f'dan il-grupp ta' persuni u l-konjuġi tagħhom huwa li jitnissel fehim li huma jistgħu jħabbtu wiċċhom ma' faqar fix-xjuħija minħabba li ma jħallsux il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali.

### (08) Nisa Separati u Divorzjati

In-nisa li jisseparaw jew jiddivorzjaw jgħaddu minn tibdil sinifikanti fil-ħajja tagħhom. F'sitwazzjonijiet bħal dawn, in-nisa huma partikolarment vulnerabbli fejn tidħol is-sigurtà ekonomika tal-ġejjieni tagħhom. Matul dawn iż-żminijiet, li ħafna drabi jkunu emozzjonali, huwa essenzjali li n-nisa jkollhom aċċess għal informazzjoni preċiża, pariri imparzjali biex ikunu infurmati fuq il-benesseri finanzjarji futuri tagħhom.

Ir-riċerka (Kelly and Harding, 2010) tissuġġerixxi li l-akbar vulnerabbiltà ekonomika tan-nisa wara s-separazzjoni jew divorzju tista' tiġi attribwita lil taħlita ta' fatturi soċjali u ekonomiċi inkluż li mara tista':

- Tassumi responsabbiltà akbar biex tibqa' d-dar u tieħu ħsieb it-tfal, għalhekk ikun hemm telf ta' salarju akbar mas-separazzjoni, flimkien ma' kapaċità anqas ta' dħul u ħlas anqas ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali minħabba interruzzjoni tal-karriera.

- Hemm probabbiltà akbar li jibqgħu jaħdmu fid-dar tal-familja u jieħdu ħsieb it-tfal wara s-separazzjoni, u għalhekk ikollhom opportunità limitata biex jaħdmu u jżidu l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali tagħhom.

In-nisa huma wkoll vulnerabbli għal l-hekk imsejjaħ 'dejn trażmess sesswalment'. Dan jiġri meta mara ssib ruħha responsabbli għad-dejn tas-sieħeb li kellha peress li dawn ikunu żguraw self jew ftehmu biex tkun direttur fil-kumpanija tas-sieħeb. Huwa matul is-separazzjoni jew id-divorzju li l-impatt tad-djun trażmessi sesswalment jibdew jidhru u n-nisa għandhom jiġu edukati dwar l-effetti li dawn jista' jkollhom fuq is-sigurtà ekonomika futura tagħhom.

Is-separazzjoni tal-assi u d-determinar ta' arranġamenti finanzjarji futuri huma punti ewlenin ta' negozjati waqt is-separazzjoni u d-divorzju. Ir-rieda li tiffinalizza l-arranġamenti u tnaqqas il-kuntatt mal-ekssieħeb jista' jirriżulta f'sitwazzjoni fejn in-nisa ma jagħtux kas tad-dħul mill-pensjoni u jista' jkun diffiċli biex iħajru lin-nisa jikkunsidraw tali suġġett tekniku f'dak li spiss ikun żmien ta' stress. Is-separazzjoni u d-divorzju jista' jkun żmien kaotiku għan-nisa.

Huwa importanti wkoll li niżguraw li n-nisa jqisu l-pożizzjoni finanzjarja tagħhom fit-tul meta jisseparaw. Ir-riċerka turi li wara divorzju jew separazzjoni, in-nisa jistgħu jużaw it-tfaddil tal-irtirar għall-ispejjeż ta' kuljum u għandhom tendenza li jużaw kwalunkwe fondi addizzjonali li jkollhom fuq l-ispejjeż immedjati tal-familji tagħhom minflok ma jfaddlu aktar għall-irtirar.

Il-messaġġi ta' komunikazzjoni ewlenin għan-nisa li għaddejjin minn separazzjoni jew divorzju għandhom ikunu mmirati lejn kwistjonijiet bħas-separazzjoni tal-assi, dejn tar-relazzjoni, drittijiet għal benefiċċji, ir-ritorn lejn ix-xogħol, u l-aġġustamenti meħtieġa biex jgħixu b'sors ta' dħul wieħed.

### (09) Nisa Mdaħħlin fiż-Żmien (60+) u Nisa Romol

In-nisa jgħixu aktar mill-irġiel. Illum, il-medja tal-għomor tal-ħajja tan-nisa f'Malta hija ta' 84 sena. Jekk mara tgħix sa 65 tistenna li tgħix 19-il sena aktar. Minn dawk attwalment li qabżu s-60 sena, 54.28% minnhom huma nisa. Dan il-perċentwal ta' nisa jiżdied aktar ma jixjieħ il-koort ta' din l-età. Għaldaqstant, għall-koorti li għandhom 70 sena jew iktar, in-numru ta' nisa jiżdied b' 4.2% – b'total ta' 58.42% li huma nisa.

Hemm possibbiltà għolja li mara tgħix l-aħħar snin ta' ħajjitha bħala armla. In-nisa anzjani jista' jkun li jesperjenzaw irtirar bikri mis-suq tax-xogħol. Dan jista' jkun ta' detriment għall-benesseri finanzjarju tagħhom, u possibilment jista' jwassal għal deterjorament fl-istandards tal-għajxien mistenni fl-irtirar – b'mod partikolari jekk dawn ma rnexxilhomx iħallsu biżżejjed kontribuzzjonijiet biex jikkwalifikaw għal pensjoni tas-sigurtà soċjali bi dritt proprju tagħhom. Mara miżżewġa tista' ssib ruħha fl-istess pożizzjoni jekk ir-raġel tagħha ma jkunx ħallas l-kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali jew jekk hija kienet impjegata minnu u naqas milli jħallas il-kontribuzzjoni tagħha jew kien jaħdem għal rasu u ma kienx jiddikjara d-dħul kollu li kienet titħallas fuqu il-kontribuzzjoni.

Ir-romol ta' spiss jassumu r-responsabbiltà tard – mal-mewt tal-konjuġi tagħhom – għall-affarijiet finanzjarji tagħhom, u sakemm jiżviluppaw il-kapaċità finanzjarja tajba, jistgħu jsibu ruħhom vulnerabbli għal pariri ħżiena minn membri tal-familja, jew saħansitra suġġetti għal abbuż finanzjarju. It-teħid tar-responsabbiltà aktar tard matul ħajjithom għal firxa ta' funzjonijiet inkluż dawk finanzjarji li setgħu kienu r-responsabbiltà tal-irġiel tagħhom jistgħu jwasslu għal konfużjoni u żmien diffiċli għan-nisa li jsofru t-telf tal-konjuġi tagħhom.

Il-messaġġi ewlenin għan-nisa mdaħħlin fiż-żmien u għar-romol għandhom ikunu l-ġestjoni tal-wirt, ġestjoni ta' flus, u l-prevenzjoni ta' abbuż finanzjarju fost l-oħrajn.

**(10) Ġenituri Waħedhom**

Il-ġenituri waħedhom jiffaċċjaw l-isfida li jsiru finanzjarjament indipendenti. Il-ġenituri waħedhom jiffaċċjaw sfidi li jinkludu l-ġestjoni tal-flus minn emerġenza finanzjarja għal oħra, li jfisser li ftit li xejn hemm lok għal pjanar finanzjarju fuq terminu twil; jew l-iżolament soċjali u d-depressjoni.

Sfida ewlenija biex ikunu indirizzati l-ġenituri waħedhom hija li tqajmilhom kuxjenza għar-relevanza u l-importanza tat-tfaddil tal-irtirar sabiex dan isir prijorità għalihom, b'mod partikolari għax probabbilment huma mhux ser ikunu f'qagħda li jkollhom fondi żejda bħal gruppi oħrajn. Ħafna drabi ġenituri waħedhom spiss ikollhom ftit ħin disponibbli u biex jintlaħqu permezz ta' mezzi tradizzjonali jista' jkun diffiċli. Jista' jkun utli li jingħataw tagħrif permezz ta' mezzi, bħal pereżempju, l-interessi ta' wliedhom, il-kura tat-tfal, l-iskola, jew is-*supermarkets*.

Il-messaġġ ewlieni ta' komunikazzjoni għall-ommijiet waħedhom għandu jkun il-fehim tal-importanza li huma jaħdmu u jħallsu l-kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali għax dan ser iżidilhom id-dħul mill-pensjoni waqt l-irtirar, u li jekk jibqgħu dipendenti fuq il-benefiċċji ser iħallihom bi dħul anqas għall-pensjoni għax ikunu eliġibbli biss għall-pensjoni mhux kontributorja skont l-eżami tal-età.

## Azzjoni 08

Fl-applikazzjoni ta' għarfien affidabbli u indipendenti, edukazzjoni u informazzjoni biex tinbena u tissaħħaħ il-kapaċità finanzjarja tal-irtirar madwar is-soċjetà Maltija, il-messaġġi ta' komunikazzjoni għandhom ikunu maqsumin u mmirati lejn koorti speċifiċi tal-popolazzjoni u tal-impjiegi. L-istrateġiji tal-komunikazzjoni se jkunu mfassla u implimentati għal:

- Adulti Żgħażagħ (20–34 sena).
- Adulti Żgħażagħ Nisa (20–34 sena).
- Adulti (35 sena sa qabel l-irtirar).
- Adulti nisa (35 sena sa qabel l-irtirar).
- Persuni li Jaħdmu Għal Rashom.
- Adulti (u familji) f'Impjieg bi Dħul Baxx jew fi Stat ta' Privazzjoni.
- Adulti Impjegati u ma Għandhomx il-Kontribuzzjoni tas-Sigurtà Soċjali Mħallsa.
- Nisa Separati u Divorzjati.
- Nisa Mdaħħlin fiż-Żmien (60+) u Nisa Romol.
- Ommijiet Waħedhom.

Ir-rakkomandazzjonijiet ippreżentati fl-abbozz ta' Strateġija Nazzjonali taħt Punt Prinċipali 2 – 'Fornitur ta' Informazzjoni Affidabbli u Indipendenti' ser jinbdew matul it-terminu tal-Istrateġija.

## Azzjoni 09

Dawn ir-rakkomandazzjonijiet ippreżentati f'abbozz tal-Istrateġija taħt Punt Prinċipali 2 bit-titolu ***"Fornitur ta' Informazzjoni Affidabbli u Indipendenti"*** se jkunu implimentati:

| | | |
|---|---|---|
| **2017** | 01. | Twaqqif ta' *portal* imfassal biex jipprovdi informazzjoni uffiċjali, affidabbli, motivanti u aċċessibbli. |
| | 02. | Involviment mal-partijiet interessati biex ikun żgurat li l-persuni jkunu konxji minn, u jkollhom aċċess għal, edukazzjoni finanzjarja, għodod, informazzjoni u għajnuniet relatati mas-sigurtà soċjali. |
| | 03. | Ħidma mal-partijiet interessati biex ikun stabbilit programm li jiżgura li l-pensjonanti jkunu konxji mill-benefiċċji tal-Istat li huma intitolati għalihom. |
| | 04. | Ħidma mad-DSS fuq l-iżvilupp u t-tnedija ta' għodod u kalkolaturi *online* tal-pensjoni tas-sigurtà soċjali. |
| | 05. | Flimkien mal-Kunsill tal-Malti jinbeda t-tfassil ta' kompendju ta' termini Maltin għad-dħul mill-irtirar u l-kapaċità finanzjarja kif ukoll messaġġi ta' komunikazzjoni b'Malti sempliċi. |
| **2018** | | Tkomplija tal-implimentazzjoni tal-miżuri 1 sa 5 hawn fuq. |
| **2019** | | Tkomplija tal-implimentazzjoni tal-miżuri 1 sa 5 hawn fuq. |

### 03.4.3 Ħidma fi Sħubija biex Jissaħħu l-Konnessjonijiet bejn il-Partijiet Kollha Involuti fl-Irtirar u l-Kapaċità Finanzjarja

Is-suċċess tal-Istrateġija fundamentalment iserraħ fuq li l-partijiet interessati jaħdmu b'mod responsabbli u qrib xulxin biex isaħħu l-kapaċità finanzjarja u l-irtirar fost iċ-ċittadini Maltin. Il-viżjoni ma tistax issir realtà mingħajr l-isforzi ta' individwi, familji, il-Gvern, il-komunitajiet lokali, il-fornituri tas-servizzi finanzjarji, min iħaddem, l-organizzazzjonijiet tax-xogħol, in-negozji u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi.

Sħubijiet effettivi, se jwasslu f'kooperazzjoni u konsultazzjoni kontinwa u sistematika u fit-taqsim kontinwu u effiċjenti tar-riżorsi.

Ir-rakkomandazzjonijiet ippreżentati fl-abbozz ta' Strateġija Nazzjonali taħt Punt Prinċipali 3 'Ħidma fi sħubija li ssaħħaħ il-konnessjonijiet bejn il-partijiet kollha involuti fid-dħul mill-irtirar u l-kapaċitajiet finanzjarji' ser ikunu mibdijin fil-parti l-kbira tagħhom matul il-perjodu tal-Istrateġija.

## Azzjoni 10

Ir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin, ippreżentati fl-Istrateġija Nazzjonali taħt Punt Prinċipali 3 ***'Ħidma fi sħubija li ssaħħaħ il-konnessjonijiet bejn il-partijiet kollha involuti fl-irtirar u l-kapaċitajiet finanzjarji'*** ser ikunu implimentati:

| | | |
|---|---|---|
| **2017** | 01. | Twaqqif ta' relazzjonijiet ta' sħubija mal-partijiet interessati lokali kollha. |
| | 02. | Twaqqif ta' relazzjonijiet ta' sħubija ma' organizzazzjonijiet simili f'pajjiżi oħra biex ikunu sfruttati l-esperjenzi u l-bażi ta' għarfien tagħhom. |
| **2018** | | Jissokta l-bini fuq l-azzjonijiet 1 u 2 hawn fuq. |
| **2019** | | Jissokta l-bini fuq l-azzjonijiet 1 u 2 hawn fuq. |

# Twettiq tal-Istrateġija għall-Irtirar u l-Kapaċità Finanzjarja

Kapitlu 04

Il-Grupp tal-Irtirar u l-Kapaċità Finanzjarja (GIKF) ġie stabbilit taħt il-Grupp tal-Istrateġija tal-Pensjoni bil-mandat li jikkoordina u jaħdem mal-partijiet interessati biex jimplimenta l-azzjonijiet preżentati f'din l-Istrateġija.

Il-GIKF se jkun imħares mill-MFSS u se jinkludi rappreżentanti minn:

- Ministeru tal-Finanzi.

- Ministeru għall-Edukazzjoni u l-Impjiegi.
- Ministeru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili.
- Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali.
- FinanceMalta.
- Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti, MFSS.

Il-GIKF ser jistabbilixxi sottokumitati apposta biex jinvolvi l-partijiet interessati bi sħab fil-ħidma ta' rotot diversi taħt l-istrateġija. Ir-relazzjoni tas-sħubija strateġika hija preżentata fil-Figura hawn taħt.

**Tabella 10: L-Iffinanzjar tad-Dħul mill-Irtirar u tal-Grupp tal-Kapaċità Finanzjarja**

| Kontribuzzjoni Finanzjarja Annwali Strutturata jew ta' Appoġġ mhux Finanzjarju | Ministeru tal-Familja u s-Solidarjetà Soċjali |
|---|---|
| **Benefiċċji mhux strutturati jew appoġġ mhux finanzjarju** | Entitajiet operattivi u regolatorji xierqa tal-Gvern |
| | Assoċjazzjoni Maltija tal-Bankiera |
| | Assoċjazzjoni Maltija tal-Assiguraturi |
| | Malta Institute of Accountants |
| | Il-Fond tal-Kawżi Ġusti tal-Lotteriji Nazzjonali |
| | Il-Kamra Maltija tal-Kummerċ, Intrapriża u Industrija |
| | L-Assoċjazzjoni Maltija ta' Min Iħaddem |
| | General Retailers and Traders Union |
| | General Workers Union |
| | Union Ħaddiema Magħqudin – Voice of the People |
| | Oħrajn |
| **Membri u Membri Affiljati** | It-tagħlim ta' għarfien tal-irtirar u l-kapaċità finanzjarja, l-edukazzjoni u l-informazzjoni bħala Responsabbiltà Soċjali tal-Kumpaniji fost il-fornituri mis-settur privat fil-kontabilità, servizzi bankarji, finanzjament, amministrazzjoni tal-fond, assigurazzjoni, investiment, liġi, konsultazzjoni tal-ġestjoni, pensjonijiet, fiduċjarji, servizzi tat-taxxa, eċċ. |
| **Oħrajn** | Il-Fond Soċjali Ewropew u l-istrumenti finanzjarji l-oħra |

Il-kontribuzzjoni tal-MFSS ser tinkludi:

- L-assenjazzjoni ta' persunal xierqa biex jappoġġa il-GIKF.
- L-għoti ta' post, tagħmir u apparat adegwat.
- L-allokazzjoni ta' baġit żgħir biex jingħata bidu għall-GIKF u biex jidħlu fis-seħħ il-flussi ta' fondi proposti.

## Azzjoni 11

**Il-Grupp tal-Irtirar u l-Kapaċità Finanzjarja ġie stabbilit taħt il-Grupp tal-Istrateġija tal-Pensjoni bil-mandat li jikkoordina u jaħdem mal-partijiet interessati biex jimplimenta l-azzjonijiet preżentati f'din l-Istrateġija.**

# Annessi

## Konsultazzjoni

It-tim tal-abbozzar għamel proċess ta' komunikazzjonijiet u diskussjoni fuq diversi binarji fuq l-abbozz ta' Strateġija fuq id-Dħul mill-Irtirar u l-Litteriżmu Finanzjarju.

It-tim tal-abbozzar stieden korpi kostitwiti u s-soċjetà ċivili biex jieħdu sehem fil-proċess ta' konsultazzjoni. Il-korpi murija hawn taħt aċċettaw l-istedina. Sintesi tar-rispons jinsab preżentat f'dan l-Anness.

**Tabella: Korpi li aċċettaw l-istedina biex jipparteċipaw fil-proċess ta' konsulktazzjoni**

| |
|---|
| Il-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Soċjali u Ekonomiku |
| Il-Kunsill Nazzjonali tan-Nisa |
| Dipartiment tas-Servizzi Bankarji, l-Università ta' Malta |
| L-Assoċjazzjoni Maltija tal-Azzjonisti Żgħar |
| L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali |
| L-Assoċjazzjoni Maltija tal-Assiguraturi |
| General Retailers and Traders Union |
| General Workers Union |
| Il-Kamra tal-Kummerċ, Intrapriża u Industrija |
| Konfederazzjoni Nazzjonali tal-Organizzazzjonijiet tan-Nisa |
| Bank Ċentrali ta' Malta |
| Il-Kunsill tal-Malti |
| L-Istitut Malti tat-Tassazzjoni |
| L-Assoċjazzjoni tad-Drittijiet tal-Konsumatur |
| Dipartiment tas-Saħħa, Edukazzjoni Fiżika u Studji tal-Konsumatur, Università ta' Malta |
| L-Istitut tal-Ġestjoni tan-Negozju u l-Kummerċ, il-Kulleġġ Malti għall-Arti, ix-Xjenza u t-Teknoloġija |
| Kummissjoni Nazzjonali għall-Protezzjoni tal-Ugwaljanza |
| Nisa Laburisti |
| Dipartiment tas-Soċjoloġija, l-Università ta' Malta |
| Fondazzjoni tal-Istudji tas-Sigurtà Soċjali |
| Il-Borża ta' Malta |
| Malta Funds Industry Association |

| **Sintesi tar-Rispons** | |
|---|---|
| Il-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Soċjali u Ekonomiku | Id-dimensjoni soċjali tal-edukazzjoni finanzjarja hija kruċjali u missha ilha li ġiet implimentata.<br><br>Il-Gvern għandu jimplimenta - irid jevita l-inattività kif ġara għal 12-il sena fir-rigward tat-tielet pensjoni u kif għadu għaddej fir-rigward tal-pensjoni tal-irtirar okkupazzjonali volontarja. |
| Il-Kunsill Nazzjonali tan-Nisa | L-ekonomija domestika mhux il-portafoll korrett għall-edukazzjoni finanzjarja - għax il-perċezzjoni pubblika tal-ekonomija domestika hija li dan huwa suġġett għan-nisa.<br><br>Gruppi vulnerabbli jinkludu:<br>• Persuni qiegħda.<br>• Persuni li jaħdmu f'xogħol prekarju.<br>• Persuni f'sitwazzjonijiet ta' dipendenza bħal-logħob tal-azzard, l-alkoħol, eċċ.<br>• Familji f'dejn eċċessiv.<br>• Persuni b'diżabilità.<br>• Dawk li jħallu l-iskola kmieni.<br>• Persuni separati jew divorzjati.<br>• Familji f'sitwazzjonijiet ta' vjolenza domestika.<br>• Ħabsin.<br><br>L-implimentazzjoni tirrikjedi approċċ ta' sħubija mas-soċjetà ċivili, is-settur privat, it-*trade unions*, il-fornituri tal-edukazzjoni.<br><br>L-edukazzjoni finanzjarja ma għandhiex tkun ristretta għal-livelli 6 u 7 fl-iskejjel superjuri imma għandha tkun estiża għall-edukazzjoni obbligatorja, l-edukazzjoni għolja u avvanzata, it-taħriġ tal-adulti/impjegati.<br><br>Is-sħubijiet mal-midja għandhom ikunu stabbiliti għad-disseminazzjoni tal-edukazzjoni finanzjarja effettiva. |

| | |
|---|---|
| Dipartiment tas-Servizzi Bankarji, l-Università ta' Malta | Il-viżjoni għandha tkun ferm usa' mid-dħul mill-irtirar u l-litteriżmu finanzjarju: iżda fuq il-benesseri.<br><br>L-edukazzjoni għandha tkun immirata u sorveljata biex tkun żgurata l-effettività tagħha. Id-dipartiment lest jipparteċipa u jiżviluppa mekkaniżmu ta' evalwazzjoni.<br><br>Il-programm 'Degree Plus' tal-Università ta' Malta jinkorpora l-edukazzjoni finanzjarja.<br><br>Ħidma mal-NGOs u l-Awtorità tal-Affarijiet tal-Kompetizzjoni u tal-Konsumaturi ta' Malta biex ikun stabbilit *portal online* li jevalwa l-prodotti ta' servizzi finanzjarji, l-operaturi u l-kuntratti offruti.<br><br>Dokumenti strateġiċi misshom enfasizzaw aktar fuq is-sjieda tad-djar, ladarba f'Malta hemm prevalenza għolja, u r-rilaxx tal-ekwità tad-dar.<br><br>Il-fornituri tas-servizzi finanzjarji huma partijiet interessati fundamentali u huwa importanti li jkunu parteċipi. Iridu jifhmu li huwa fl-interess tagħhom li jkunu trasparenti, ibiegħu prodotti xierqa eċċ. |
| L-Assoċjazzjoni Maltija tal-Azzjonisti Żgħar | Esprimiet tħassib fuq l-iskemi tat-tielet pensjoni introdotti dan l-aħħar għax ma dehrux ambizzjużi biżżejjed biex iħajru lin-nies jinvestu fihom.<br><br>Għandu jkun stabbilit korp ta' koordinazzjoni separat biex ikun hemm iffukar assolut.<br><br>L-esperjenza tal-Assoċjazzjoni turi li hemm diffikultà biex jitqajjem interess fuq l-edukazzjoni finanzjarja minkejja l-programm komprensiv ta' attivitajiet li hemm illum. |
| L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali | Taqbel li jkun hemm fis-seħħ sid ċentrali għad-disseminazzjoni tal-għarfien u li għandu jaħdem mal-assoċjazzjoni biex jieħu ħsieb programmi bbażati fuq il-komunità.<br><br>Hemm il-ħtieġa ta' bilanċ fl-edukazzjoni finanzjarja fil-kurrikulu bejn l-eżamijiet u l-elettivi għax dawn tal-aħħar jista' jkun li ma jittiħdux bis-serjetà.<br><br>L-għarfien ma għandux ikun limitat għall-pensjonijiet u l-irtirar imma għas-servizzi soċjali, id-dħul, it-taxxa fuq id-dħul, il-VAT eċċ.<br><br>Il-pubbliku jrid ikollu fiduċja sħiħa fil-fornituri tas-servizzi finanzjarji u għalhekk il-qafas regolatorju għandu jiggarantixxi dan.<br><br>Hemm rabta bejn il-faqar u l-edukazzjoni finanzjarja: il-ġestjoni tal-baġit ta' familji bi dħul baxx mhux neċessarjament tiffoka fuq il-prijoritajiet - pereżempju l-imħatri.<br><br>Bżonn li tidħol il-kultura tal-ġarr tar-responsabbiltà: L-aspettattivi tan-nies li l-pensjoni tista' tippermettilhom l-istess standard ta' ħajja waqt l-irtirar mhux realistiku. |
| L-Assoċjazzjoni Maltija tal-Assiguraturi | Tissottolinja l-importanza tal-Istrateġija u l-bżonn li jkun hemm korp ta' koordinazzjoni fis-seħħ. |

| | |
|---|---|
| General Retailers and Traders Union | Provi preċedenti biex tkun introdotta kultura ta' tfaddil għall-irtirar ma ħadmux - żgħar kemm kienu żgħar.<br><br>Hemm ħtieġa li jkun hemm approċċ iffukat u kontinwu u l-applikazzjoni ta' mudelli ġodda - primarjament bit-twaqqif ta' kummissjoni nazzjonali biex tmexxi din l-inizjattiva. |
| General Workers Union | L-għaqdiet tal-ħaddiema għandhom rwol sinifikanti x'jaqdu biex iwasslu l-edukazzjoni finanzjarja fuq il-post tax-xogħol.<br><br>Tqis li huwa utli li jkun hemm sħubija fit-tfassil u t-tnedija ta' kors akkreditat fuq l-edukazzjoni finanzjarja għall-impjegati.<br><br>Tqis b'mod pożittiv li jkollha persuni mħarrġa assenjati bih, b'mod volontarju jew mod ieħor, biex jipprovdu għarfien lill-membri tagħha. |
| Il-Kamra tal-Kummerċ, Intrapriża u Industrija | Is-servizzi finanzjarji jeħtieġu fiduċja - fiduċja li tista' faċilment tkun mhedda minn elementi negattivi fl-industrija. Is-saħħa regolatorja tal-MFSA għandha tissaħħaħ b'mod sinifikanti. |
| Konfederazzjoni Nazzjonali tal-Organizzazzjonijiet tan-Nisa | Fir-rigward ta' gruppi vulnerabbli, il-komunikazzjoni fuq bażi personali x'aktarx tkun aktar effettiva.<br><br>L-isforzi iffukati għandhom ikunu diretti biex isostnu l-ideat ta' ppjanar fit-tul fost iż-żgħażagħ u l-adulti żgħażagħ.<br><br>Ir-rakkomandazzjonijiet preżentati huma kollha ta' min jammirahom iżda l-implimentazzjoni tagħhom teħtieġ finanzjament. Jekk il-Gvern mhux ippreparat jiffinanzja u jwaqqaf mekkaniżmi għall-partijiet interessati l-oħra, bħall-operaturi tas-settur privat biex jappoġġjaw finanzjarjament din l-inizjattiva, ikun aħjar li jinżamm *status quo*. Inkella ser jinħolqu aspettattivi li ma jintlaħqux. |

| | |
|---|---|
| Bank Ċentrali ta' Malta | L-istrateġija għandha tieħu inkonsiderazzjoni l-importanza tas-sjieda tad-dar u r-rilaxx ta' dan l-ass għad-dħul mill-irtirar - li minħabba l-livell għoli ta' sjieda f'Malta - ser ikun hemm impatt pożittiv fuq il-familji bi dħul medju mal-irtirar.<br><br>Għandha tinbidel il-kultura li kollox huwa mistenni mill-Gvern mentri l-assi privati għandhom jintużaw għall-skopijiet personali (pereżempju li wieħed jiret dar tal-familja). Din hija materja sensittiva u teħtieġ strumenti ta' politika li jbiddlu kemm l-edukazzjoni u kemm l-imġiba.<br><br>Il-familji attwali bi dħul medju x'aktarx li ma jkunux affettwati b'mod negattiv fl-irtirar minħabba (i) ir-rilaxx potenzjali tal-ekwità tad-dar u (ii) il-wirt finanzjarju jew assi oħrajn mingħand il-ġenituri tagħhom. Madanakollu, ġenerazzjonijiet futuri x'aktarx ikunu 'ifqar' mill-ġenerazzjonijiet tal-lum.<br><br>L-edukazzjoni finanzjarja tħalli impatt mifrux fuq il-faqar: L-iffukar fuq koorti f'riskju għandu jkun fuq l-ibbaġittjar, il-ġestjoni tal-flus, il-prijoritizzazzjoni, eċċ.<br><br>Il-messaġġi tal-istrateġiji ta' komunikazzjonijiet għandhom ikunu meqjusin b'attenzjoni - il-'vuċi' tal-istat hija b'saħħitha u għaldaqstant jista' jkollha riperkussjonijiet negattivi - u mifruxa - wieħed ma jistax imur minn sitwazzjoni ta' ebda komunikazzjoni għal komunikazzjoni sofistikata bħall-preżentazzjoni ta' 'Orange Envelope' mil-lum għall-għada.<br><br>Hekk kif il-messaġġi ser jibdew jinxterdu, dan ser jirriżulta f'mistoqsijiet u għaldaqstant għandu jkun ippjanat minn qabel mekkaniżmu indipendenti biex jaħseb għal dawn il-mistoqsijiet.<br><br>Il-korp ta' koordinazzjoni m'għandux ikun imwaqqaf bħala mezz separat: jista' jkun li ma jibqax jeżisti fit-tul. Għandu jkun stabbilit bħala korp 'semindipendenti' fuq istituzzjoni indipendenti bħall-MFSA jew l-Ombudsman għas-Servizzi Finanzjarji li ġie mwaqqaf dan l-aħħar - u b'hekk jistrieħu fuq ir-riżorsi tagħhom stess. |
| Il-Kunsill tal-Malti | Huwa importanti ħafna li l-komunikazzjoni tkun bil-Malti u għalhekk hemm il-ħtieġa li jinħoloq glossarju biex jiżgura l-fehim komuni tat-termini użati.<br><br>Il-messaġġi tal-komunikazzjonijiet għandhom ikunu b'Malti sempliċi u huwa importanti li l-korp ta' koordinazzjoni jaħdem mal-Kunsill flimkien ma' ditti professjonali tal-immarkitjar biex ikunu żviluppati dawn il-messaġġi.<br><br>Il-messaġġi għandhom ikunu evalwati biex tkun żgurata l-effettività tal-impatt tagħhom. |

| | |
|---|---|
| L-Istitut Malti tat-Tassazzjoni | L-iskemi tal-irtirar qegħdin, u għandhom ikunu, xprunati mit-taxxa.<br><br>Il-formulazzjoni fl-Att dwar it-Taxxa tad-Dħul għandha tkun allinjata aħjar mal-Att li Jirregola Fondi Speċjali.<br><br>Għandhom ikunu introdotti eżenzjonijiet jew tnaqqis personali fir-rigward ta' kontribuzzjonijiet tal-pensjonijiet imħallsin minn persuna u jew min iħaddimha - inkluż il-bidla tar-regolamenti relatati għal benefiċċji supplimentari.<br><br>15% tat-taxxa pagabbli mal-maturità tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja għandha tkun rimborsata lill-persuni jekk il-fondi maturi jkunu marbutin fi skema ta' pensjoni.<br><br>L-impatt possibbiltà l-VAT fuq il-pensjoni u arranġamenti oħrajn għall-irtirar jeħtieġu aktar studju. |
| L-Assoċjazzjoni tad-Drittijiet tal-Konsumatur | Dejn eċċessiv jirriżulta wara riduzzjoni mhux mistennija tad-dħul u hemm bżonn ta' miżuri biex ikunu indirizzati dawn il-kwistjonijiet - li jinkludu:<br><br>• Definizzjoni ta' dejn eċċessiv.<br>• L-edukazzjoni, il-prevenzjoni u proċeduri xierqa biex ikunu integrati nies b'dejn eċċessiv fil-ħajja ekonomika normali.<br>• Għandhom ikunu integrati mal-edukazzjoni finanzjarja u l-ekonomija domestika.<br>• L-edukazzjoni finanzjarja għandha tinkludi baġitjar, ġestjoni ta' flus, prijoritizzazzjoni, eċċ.<br><br>Il-logħob tal-azzard ser jimpatta fuq id-dħul tal-familja u jista' jwassal għal dejn eċċessiv potenzjalment b'rati ta' użura b'mod partikolari għall-familji bi dħul baxx. |

| | |
|---|---|
| Dipartiment tas-Saħħa, Edukazzjoni Fiżika u Studji tal-Konsumatur, l-Università ta' Malta | Il-ħtieġa għat-twaqqif ta' *network* tal-partijiet interessati involuti fl-edukazzjoni għolja biex tkun determinata strateġija tal-edukazzjoni finanzjarja u tkun sorveljata l-implimentazzjoni tagħha.<br><br>L-iffaċilitar tar-riżorsi umani u fiżiċi mill-Gvern u s-settur privat għat-taħriġ ta' għalliema fiċ-ċiklu obbligatorju tal-edukazzjoni.<br><br>It-tisħiħ tal-edukazzjoni tas-saħħa u tal-konsumatur fl-edukazzjoni formali obbligatorja.<br><br>Finanzjament u għajnuna fit-twaqqif ta' Ċentru Nazzjonali għall-Edukazzjoni tas-Saħħa u tal-Konsumatur bħala impriża konġunta bejn l-MSDCA, l-MFSS, il-MEDE, l-MFSA u l-UoM.<br><br>Żieda tal-inizjattivi biex titħeġġeġ is-sjieda tad-djar.<br><br>Assistenza finanzjarja lil sidien anzjani ta' djar għall-provvediment ta' assigurazzjoni fuq id-dar u l-kontenut.<br><br>Regolazzjoni tal-iskedi ta' riverżjoni tas-sjieda tad-djar.<br><br>Twaqqif ta' faċilità ta' pariri indipendenti tat-tip *one stop* fl-MFSS u l-MFSA. |
| L-Istitut tal-Ġestjoni tan-Negozju u l-Kummerċ, il-Kulleġġ Malti għall-Arti, ix-Xjenza u t-Teknoloġija | L-edukazzjoni finanzjarja għandha tinbeda sa mill-età ta' 11-il sena.<br><br>Programmi tat-tibdil tal-imġiba għat-tfal u l-adulti żgħażagħ bħal programmi tat-tfaddil għandhom ikunu introdotti.<br><br>L-introduzzjoni ta' *Mobile Apps* biex jitnissel sens ta' edukazzjoni finanzjarja.<br><br>L-introduzzjoni ta' kalkolatur *online* biex jippermetti lin-nies jipprojettaw id-dħul mill-pensjoni li jkunu ser jirċievu meta jirtiraw fuq il-bażi tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali mħallsa. |
| Kummissjoni Nazzjonali għall-Protezzjoni tal-Ugwaljanza | Ir-riċerka turi li l-esperjenzi ta' nisa u rġiel fir-relazzjoni mal-finanzi huma differenti u b'hekk għandhom jitfasslu inizjattivi mmirati b'mod speċifiku.<br><br>L-istrateġija trid tkun immirata lejn persuni li emigraw lejn Malta u għandhom kwistjonijiet speċifiċi u tħassib rigward il-pensjonijiet. |

| | |
|---|---|
| Nisa Laburisti | Id-dħul mill-irtirar u l-litteriżmu finanzjarju għandhom jitqiesu mill-aspett tad-dimensjoni soċjali u mhux mill-aspett tekniku biss. L-assenza ta' ppjanar għall-futur u n-nuqqas ta' għarfien fuq il-ġestjoni ta' flus għandhom rabta diretta mal-faqar.<br><br>Il-bini ta' kultura u l-bdil tal-imġiba fuq id-dħul mill-irtirar u l-edukazzjoni finanzjarja mhux ser iseħħu waħedhom - filwaqt li hemm ħafna inizjattivi mibdijin m'hemmx sinerġija u għandu jkun stabbilit korp ta' koordinazzjoni nazzjonali.<br><br>Is-suq tas-servizzi finanzjarji għandu interess strateġiku fl-iżgurar li ma jseħħux skandli: għandhom ikunu introdotti miżuri leġislattivi għal dan is-settur biex jiffinanzjaw l-edukazzjoni finanzjarja jew bħala CSR jew bħala primjum fuq il-bejgħ ta' prodotti.<br><br>Iż-żgħażagħ għandhom jiġu edukati biex jassumu responsabbiltà akbar għall-kwalità ta' ħajja meta jirtiraw.<br><br>Il-Gvern għandu jintroduċi *top-up* volontarju fuq il-kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali li jkun ibbażat fuq kont individwali u delimitat.<br><br>L-MFSA għandha tintroduċi Marka ta' Servizzi ta' Kwalità għal dawk il-fornituri ta' servizzi finanzjarji b'rekords ta' ħidma eċċellenti. |
| Dipartiment tas-Soċjoloġija, l-Università ta' Malta | Pożittiv li l-azzjoni proposta fir-rigward taż-żieda fl-edukazzjoni finanzjarja u r-regolament tar-rilaxx tal-ekwità tad-dar. |
| Fondazzjoni tal-Istudji tas-Sigurtà Soċjali | L-istrateġija għandha tenfasizza aktar l-importanza tal-edukazzjoni finanzjarja u t-tnaqqis tal-faqar.<br><br>Fit-tfassil tal-messaġġi u l-komunikazzjoni, il-popolazzjoni ma għandhiex titqies bħala unità unika u ugwali imma għandha tkun stratifikata u għandhom jitfasslu messaġġi apposta għall-gruppi fil-mira differenti.<br><br>Il-litteriżmu finanzjarju għandu jifforma parti minn strateġija usa' tal-edukazzjoni - waħda li tiffoka fuq il-benesseri personali.<br><br>L-introduzzjoni ta' mezz ta' sistema bankarja tal-komunità li tagħti parir indipendenti fuq id-dħul mill-irtirar u l-litteriżmu finanzjarju. |
| Il-Borża ta' Malta | Tissottolinja l-importanza tal-Istrateġija u l-bżonn li jkun hemm korp ta' koordinazzjoni fis-seħħ.<br><br>Tenfasizza li l-Borża ta' Malta qed tieħu rwol aktar attiv fl-edukazzjoni tal-investituri u tiżgura li tkun aċċessibbli għall-investituri - għalkemm m'għandhiex tkun sottovalutata l-isfida biex jintlaħaq dan. |
| Malta Funds Industry Association | Tissottolinja l-importanza tal-Istrateġija u l-bżonn li jkun hemm korp ta' koordinazzjoni fis-seħħ. |

## Il-Ġid Finanzjarju ta' Familji bi Dħul Baxx - Inqas mill-Edukazzjoni Sekondarja (Bank Ċentrali ta' Malta, 2013)

| Below Secondary Education | Employee Income | S/E Income | Income from Pensions | Income from Benefits | Rental Income | Financial Investment | Other Household Income | Median |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Share of household gross income sources in total gross income | 43.20 | | 34.40 | 1.80 | | 9.70 | | |
| Median value of household gross income conditional on participation | € 15,917 | | € 6,645 | € 1,471 | | € 987 | | |
| Household net wealth | 0.37 | | 0.81 | | | | | € 129,469 |
| | **Main Residence** | **Other Real Estate** | **S/E Business** | **Vehicles** | **Valuables** | | | |
| Share of household real assets components in total real assets | 65 | 21.7 | | 2.2 | 0.8 | | | |
| Median value of household real assets conditional on participation | € 162,294 | € 103,892 | | € 4,732 | € 2,330 | | | |
| | **Non interest bearing deposits** | **Interest bearing deposits** | **Mutual funds** | **Securities** | **Listed shares** | **Voluntary pension scheme or life insurance** | **Other** | |
| Share of household financial assets components in total financial assets | 9.3 | 56.1 | | 16.6 | 5.9 | | | |
| Median value of household financial assets conditional on participation | € 2,159 | € 13,304 | | € 17,004 | € 9,937 | | | |
| | **Mortgage debt on main residence** | **Mortgage debt on other property** | **Total mortgage debt** | **Other non mortgage debt** | | | | |
| Share of household debt components in total debt | | | | 41 | | | | |
| Median value of household debt assets conditional on participation | | | | € 6,860 | | | | |
| | **Ration of debt repayments to gross HH income** | **Ration of debt to HH income** | **Ration of debt to gross HH income** | | | | | |
| Household debt burden (all debt) | 10.2 | 29.5 | 15.3 | | | | | |
| Mortgage debt burden | : | : | : | | | | | |
| | **Amount spent on food in home** | **Amount spent on food outside of home** | **Annual amount transfer to 3rd parties** | **Annual amount spend on rent** | **Annual amount spent on utilities** | **Expenditure on school fees and medical** | **Saving** | |
| Median value of household expenses and saving conditional on participation | € 3,717 | € 1,003 | | € 192.00 | € 1,573.00 | € 378.00 | € 750.00 | |

## Referenzi

Caruana, K., and Pace, C., Household Finance and Consumption Survey in Malta, 2013, Central Bank of Malta.

De Bassa Scheresberg, C., Lusard, A., and Yakoboski, J, P., Working Women's Financial Capability: An Analysis across Family Status and Career Stages, TIAA-CREF Institute, 2014.

Dixon, M., (2006). Rethinking financial capability: Lessons from economic psychology and behavioural finance. London, UK: ippr.

Drake International, White Paper Volume three Number one, Generation Y: attracting, engaging and leading a new generation at work.

Financial Literacy and Education Commission, Opportunities to Improve the Financial Capability and Financial Well-being of Post-secondary Students, U.S., 2015.

Galea, T., Analysing Retirement Planning and Awareness among the Future Working Generation, University of Malta, May 2015.

HM Treasury (2007). Financial capability: The government's long term approach. Norwich, UK: HM Treasury.

Loke, V., Libby, M., and Choi, L., Increasing Financial Capability among Economically Vulnerable Youth: MY Path Pilot and Year Two Updates, Working Paper, Centre for Community Development Investment, Federal Reserve Bank of San Francesco, USA, 2013.

Lusardi, A., and Mitchell, S, O., Financial Literacy and Planning: Implications for Retirement Wellbeing, Retirement Research Consortium, 2005.

Mangion, A., An Analysis of Financial Literacy in Malta, University of Malta, May 2015.

McKernan, S., Ratcliffe, C & Shanks, W, T., Can the poor accumulate assets? An Urban Institute Project Exploring Upward Mobility, Opportunity and Ownership Facts, 2012.

Morcos, C, and Sebstad, J., Financial Education for Adolescent Girls, 2011

NSO-a, Demographic Review: 2005-2012, Post Census Revisions, NSO, 2015.

NSO-b, NSO-c, Labour Force Survey, Q3/2015, NSO.

NSo-d- Household Budgetary Survey 2008, National Statistics Office, Malta, 2010.

NSO-e, Census, 2011, NSO.

NSO-f, SILC 2012: Main Dwellings and Material Deprivation, 002/2014, News Release, National Statistics Office, 2014.

National Statistics Office, Pp. 14-16, The Public Perception of the Pensions System, Supplementary Paper Number 02, New Pensions Working Group, 2010.

Sherraden, S, S., Birkenmaier, M, J., Curley, C, J. (Eds.) Financial Capability and Asset Building: Research, Education, Policy, and Practice, Oxford University Press, 2010.

Robson, R., The Case for Financial Literacy: Assessing the effects of financial literacy interventions for low income and vulnerable groups in Canada, Carleton University, Canada, 2012.

Traub, A., & Ruetschlin, C., The Plastic Safety Net: Findings from 2012 Survey on Credit Card Debt of Low and Middle Income Households 1 (2012).

Women's Advisors Working Group on Superannuation and Financial Literacy, Effectively communicating superannuation and financial literacy messages to women during their different life-stages, Commonwealth, States, Territories and New Zealand, Conference on the Status of Women (MINCO), Australia, 2007